SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

26 ta' Frar 2026 *

"Appell – Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru – Koordinazzjoni tal-elementi tal-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru (sovrataxxa tal-fjuwil, sovrataxxa tas-sigurtà u rifjut li jitħallsu kummissjonijiet fuq is-sovrataxxi) – Motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat – Deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea li ma tagħtix deċiżjoni fuq ċerti motivi – Prova tal-parteċipazzjoni fi ksur uniku u kontinwu – Provi relatati ma' premessi tad-deċiżjoni kontenzjuża li jsostnu parti tad-dispożittiv tagħha annullata mill-Qorti Ġenerali"

Fil-Kawża C-382/22 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2022,

Cathay Pacific Airways Ltd, stabbilita f'Ħong Kong (iċ-Ċina), irrappreżentata minn E. Estellon, M. Rees, avocats, u J. Flynn, KC,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Dawes u C. Urraca Caviedes, bħala aġenti, assistiti minn J. Holmes, BL,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn I. Jarukaitis (Relatur), President tar-Raba' Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, E. Regan u D. Gratsias, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: R. Stefanova-Kamisheva, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-22 ta' April 2024,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Cathay Pacific Airways Ltd (iktar 'il quddiem "Cathay Pacific") qiegħda titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Marzu 2022, Cathay Pacific Airways vs Il-Kummissjoni (T-343/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:184), li permezz tagħha l-imsemmija qorti ċaħdet parzjalment ir-rikors tagħha intiż, prinċipalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1742 final tas-17 ta' Marzu 2017 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (Każ AT.39258 – Trasport tal-merkanzija bl-ajru) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża"), sa fejn din tikkonċernaha kif ukoll l-annullament tal-multa li ġiet imposta fuqha minn din id-deċiżjoni u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont ta' din il-multa.

Il-kuntest ġuridiku

Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera

2 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999 u approvat f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, tal-4 ta' April 2002, dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 41, p. 89, rettifika fil-ĠU 2015, L 210, p. 38) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002. L-Artikoli 8 u 9 ta' dan il-ftehim jikkorrispondu, *mutatis mutandis*, għall-Artikoli 101 u 102 TFUE, rispettivament.

3 Skont l-Artikolu 11 tal-imsemmi ftehim:

"1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 8 u 9 għandhom jiġu applikati […] mill-istituzzjonijiet Komunitarji skond il-leġislazzjoni Komunitarja hekk kif iddikjarata fl-Anness ta' dan il-Ftehim, waqt li tingħata kull konsiderazzjoni lill-bżonn ta' koperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet Komunitarji u l-awtoritajiet Svizzeri.

2. L-awtoritajiet Svizzeri għandhom jiddeċiedu, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 8 u 9, dwar l-ammissibilità ta' kull ftehim, deċiżjoni u prattika […] li jolqtu rotot bejn l-Isvizzera u pajjiżi terzi."

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) sar applikabbli taħt l-istess ftehim, b'effett mill-5 ta' Diċembru 2007, permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2007 tal-Kumitat konġunt Komunità/Żvizzera għat-Trasport bl-Ajru stabbiliti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru tal-5 ta' Diċembru 2007, li tissostitwixxi l-Anness għall-Ftehim

bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-Trasport bl-Ajru (ĠU 2008, L 34, p. 19). F'din id-data, huwa ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 tal-14 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-Regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 262), li kien jinsab fl-Anness tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

It-Trattat FUE

5 L-Artikolu 101(1) TFUE jipprovdi:

"Is-segwenti għandhom ikunu inkompatibbli mas-suq intern u għandhom ikunu projbiti: l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' deċiżjonijiet assoċjazzjonijiet bejn impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, partikolarment dawk li jinvolvu:

a) l-iffissar dirett jew indirett tal-prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ, jew ta' kondizzjonijiet oħra tan-negozju,

b) il-limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni, tas-swieq, ta' l-iżvilupp tekniku jew ta' l-investiment,

c) it-taqsim tas-swieq jew it-taqsim ta' fonti ta' provvista,

[…]"

Il-Ftehim ŻEE

6 L-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE") jikkorrispondi, *mutatis mutandis*, għall-Artikolu 101 TFUE.

7 Ir-Regolament Nru 1/2003, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 411/2004 tas-26 ta' Frar 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 17), ġie integrat fil-Ftehim ŻEE permezz, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 130/2004 tal-24 ta' Settembru 2004 li temenda l-Anness XIV (Kompetizzjoni), il-Protokoll 21 (dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għall-impriżi) u l-Protokoll 23 (dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza) tal-Ftehim ŻEE (ĠU 2005, L 64, p. 57), li daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Mejju 2005, kif ukoll, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 40/2005 tal-11 ta' Marzu 2005 li temenda l-Anness XIII (Trasport) u l-Protokoll 21 (dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għall-impriżi) tal-Ftehim ŻEE (ĠU 2005, L 198, p. 38), li daħlet fis-seħħ fl-istess jum.

Ir-Regolament Nru 1/2003

8 L-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003, intitolat "Preskrizzjoni għall-imposizzjoni tal-pieni", jipprovdi:

1. Il-poteri konferuti fuq il-Kummissjoni [Ewropea] mil-Artikolu 23 u 24 ħa jkun suġġett għal perjodi ta' preskrizzjoni li ġejjin:

(a) tlett snin fil-każ ta' ksur ta' disposizzjonijiet li jikkonċernaw it-talba ta' informazzjoni jew il-kondotta ta' spezzjonijiet;

(b) ħames snin fil-każ ta' kwalunkwe ksur ieħor.

2. It-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha sar il-ksur. Madankollu, fil-każ li l-ksur ikun kontinwu jew ripetut, il-ħin jibda jiddekorri mill-ġurnata ta' meta il-ksur intemm.

3. Kwalunkwe azzjoni meħuda mil-Kummissjoni jew mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri għall-għan ta' l-investigazzjonijiet jew proċeduri b'rispett ta' ksur tinterrompi t-terminu tal-preskrizzjoni għall-imposizzjoni ta' multi jew perjodu ta' pagamenti tal-pieni. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jiġi interrott b'effett mid-data li fiha l-azzjoni tiġi nnotifikata lil mill-inqas impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi waħda li jkunu pparteċipaw fil-ksur. Azzjonijiet li jinterrompu d-dekorrenza tal-perjodu għandhom jinkludu partikolarment is-segwenti:

(a) talba bil-miktub għal informazzjoni mil-Kummissjoni jew mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru;

(b) awtorizzazzjoni bil-miktub biex jagħmlu xi spezzjonijiet maħruġa lill-uffiċjali tal-Kummissjoni jew l-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru;

(ċ) il-bidu tal-proċeduri mil-Kummissjoni jew mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru;

(d) notifika tad-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni jew ta' l-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru.

4. L-interuzzjoni tal-preskrizzjoni ser tapplika għall-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet ta' l-impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur.

5. Kull interruzzjoni tagħmel li ż-żmien jibda jiddekorri mill-ġdid. Madankollu, il-perjodu tal-preskrizzjoni jagħlaq ma l-aħħar ġurnata li jkun ugwali għad-dopju tal-perjodu tal-preskrizzjoni jkun għadda mingħajr ma l-Kummissjoni ma tkun imponiet xi multa jew pagamenti ta' pieni perjodiċi. Dak il-perjodu għandu jiġi mtawwal mal-perjodu li fih il-preskrizzjoni tkun sospiża skond tl-paragrafu 6.

6. Il-limitu tal-preskrizzjoni applikabbli għall-impożizzjoni ta' multi jew ħlas ta' penali ser jiġi sospiż sa kemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun is-suġġett ta' proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja."

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża

9 Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża, kif tfissru fil-punti 1 sa 60 tas-sentenza appellata, jistgħu, għall-finijiet ta' din il-proċedura, jinġabru bil-mod kif ġej.

10 Cathay Pacific hija kumpannija tat-trasport bl-ajru. Fiż-żmien meta seħħew il-fatti, Cathay Pacific kienet tipprovdi servizzi tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru permezz ta' waħda mid-diviżjonijiet tagħha, imsejħa Cathay Pacific Cargo.

11 Fis-settur tat-trasport tal-merkanzija, kumpanniji tal-ajru jiżguraw it-trasport tal-merkanzija bl-ajru (iktar 'il quddiem it-"trasportaturi"). Bħala regola ġenerali, it-trasportaturi jipprovdu servizzi ta' trasport tal-merkanzija lill-ispedizjoniera, li jieħdu ħsieb it-trasport ta' din il-merkanzija f'isem l-ispedituri. Bħala korrispettiv, dawn l-ispedizjoniera jħallsu lit-trasportaturi prezz li huwa magħmul minn tariffi kkalkolati għal kull kilogramma u wkoll minn diversi sovrataxxi.

Il-proċedura amministrattiva

12 Fis-7 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni rċeviet, taħt l-Avviż tagħha dwar l-immunità minn multi u it-tnaqqis fl-ammont tagħha f'każijiet ta' akkordji (ĠU 2002, C 45, p. 3), applikazzjoni għal immunità ppreżentata minn Deutsche Lufthansa AG u minn tnejn mis-sussidjarji tagħha, Lufthansa Cargo AG u Swiss International Air Lines AG. Skont din l-applikazzjoni, kienu jeżistu kuntatti antikompetittivi bejn diversi trasportaturi, li kienu jikkonċernaw elementi tal-prezz tas-servizzi pprovduti fis-suq tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, jiġifieri l-introduzzjoni ta' sovrataxxi tal-"fjuwil" u tas-"sigurtà", kif ukoll ir-rifjut ta' dawn it-trasportaturi li jħallsu lill-ispedizjoniera kummissjoni fuq is-sovrataxxi (iktar 'il quddiem ir-"rifjut li jitħallsu kummissjonijiet").

13 Fl-14 u fil-15 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni għamlet spezzjonijiet għal għarrieda fil-bini ta' diversi trasportaturi.

14 Wara dawn l-ispezzjonijiet, diversi trasportaturi, fosthom Cathay Pacific, ippreżentaw applikazzjoni għal immunità taħt l-Avviż dwar l-immunità minn multi u t-tnaqqis fl-ammont tagħhom fil-każijiet tal-akkordji, imsemmi fil-punt 12 ta' din is-sentenza.

15 Fid-19 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lil 27 trasportatur, fosthom Cathay Pacific, li sussegwentement ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Saret seduta mit-30 ta' Ġunju sal-4 ta' Lulju 2008.

Id-Deċiżjoni inizjali

16 Fid-9 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2010) 7694 finali li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera (Każ KOMP/39258 – Trasport ta' merkanzija bl-ajru) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni inizjali"). Din id-deċiżjoni kienet indirizzata lil 21 trasportatur, fosthom Cathay Pacific.

17 L-imsemmija deċiżjoni esponiet, fil-motivi tagħha, li t-trasportaturi inkriminati kienu kkoordinaw l-aġir tagħhom fil-qasam tat-tariffi għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija, billi laħqu ftehim dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil, dwar is-sovrataxxa tas-sigurtà u dwar ir-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet u kienu, b'dan il-mod, ipparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar l-Ajru KE-Svizzera, li jkopri t-territorju taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u tal-Isvizzera.

Is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2015

18 Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015, Cathay Pacific Airways vs Il-Kummissjoni (T-38/11, EU:T:2015:985), il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni inizjali sa fejn din kienet tikkonċerna lil Cathay Pacific. Permezz ta' tnax-il sentenza oħra mogħtija dakinhar stess, il-Qorti Ġenerali annullat ukoll, kompletament jew parzjalment, din id-deċiżjoni sa fejn din kienet tikkonċerna tnax-il trasportatur ieħor jew gruppi ta' trasportaturi oħra.

19 Il-Qorti Ġenerali qieset li l-imsemmija deċiżjoni kienet ivvizzjata b'difett ta' motivazzjoni.

Id-Deċiżjoni kontenzjuża

20 Fl-20 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni bagħtet lit-trasportaturi msemmija fid-Deċiżjoni inizjali u li ppreżentaw rikors kontra din tal-aħħar quddiem il-Qorti Ġenerali ittra li tinformahom bl-intenzjoni tagħha li tadotta mill-ġdid deċiżjoni li tikkonstata li huma kienu ppartecipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar l-Ajru KE-Svizzera fir-rotot kollha msemmija f'din id-Deċiżjoni inizjali. Huma ngħatalhom terminu ta' xahar sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Kollha ħadu l-opportunità li jagħmlu dan.

21 Fis-17 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni kontenzjuża, li hija indirizzata lil 19-il trasportatur, fosthom Cathay Pacific.

22 Id-Deċiżjoni kontenzjuża tispjega li t-trasportaturi inkriminati kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat-tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija madwar id-dinja permezz tas-sovrataxxa tal-fjuwil, tas-sovrataxxa tas-sigurtà u tar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet (iktar 'il quddiem l-"akkordju kontenzjuż"), u b'hekk wettqu ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar l-Ajru KE-Svizzera.

23 Fit-Taqsima 4 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "Deskrizzjoni tal-fatti" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni indikat, b'mod partikolari, li l-investigazzjoni kienet żvelat akkordju fuq skala globali b'network ta' kuntatti bilaterali u multilaterali tul perijodu twil ta' żmien bejn il-kompetituri, li kien jikkonċerna l-aġir li huma kienu ddeċidew, ipprevedew jew għamlu l-ħsieb li jadottaw b'rabta mal-varji elementi tal-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija msemmija fil-punt ta' qabel. Hija enfasizzat li dan in-network ta' kuntatti kellu l-għan komuni li jikkoordina l-aġir tal-kompetituri fir-rigward tat-tarifikazzjoni jew li jnaqqas l-inċertezza sa fejn għandha x'taqsam il-politika ta' pprezzar tagħhom. Hija mbagħad iddeskriviet il-kuntatti li jikkonċernaw, rispettivament, is-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, u evalwat il-provi fattwali li jikkonċernaw, minn naħa, l-akkordju kontenzjuż kollu kemm hu u, min-naħa l-oħra, kull wieħed mid-destinatarji tal-imsemmija deċiżjoni.

24 Fit-Taqsima 5 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, intitolata "Applikazzjoni tar-regoli rilevanti tal-kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 101 TFUE għall-fatti tal-każ u ppreċiżat li r-riferimenti għal dan l-artikolu kellhom jinftiehmu wkoll bħala riferimenti għall-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u għall-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE Svizzera, peress li, sakemm ma jkunx previst mod ieħor, dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis*.

25 F'dan ir-rigward, sa fejn għandha x'taqsam il-kompetenza tagħha, il-Kummissjoni eżaminat il-limiti tal-kompetenza *ratione temporis* u territorjali tagħha sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni f'dan il-każ.

26 Minn naħa, fil-premessi 822 sa 832 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jagħmlu s-Sottotaqsima 5.2 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "Kompetenza tal-Kummissjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali], hija rrilevat, essenzjalment, li hija ma kinitx ser tapplika, l-ewwel nett, l-Artikolu 101 TFUE għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel l-1 ta' Mejju 2004 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot bejn ajruporti fl-Unjoni Ewropea u ajruporti barra ż-ŻEE (iktar 'il quddiem ir-"rotot Unjoni-pajjiżi terzi"), it-tieni nett, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel id-19 ta' Mejju 2005 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot Unjoni-pajjiżi terzi u r-rotot bejn ajruporti f'pajjiżi li huma partijiet kontraenti fil-Ftehim ŻEE u li ma humiex membri tal-Unjoni u ajruporti f'pajjiżi terzi (iktar 'il quddiem ir-"rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi") u, fl-aħħar nett, l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel l-1 ta' Ġunju 2002 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot bejn ajruporti fl-Unjoni u ajruporti fl-Isvizzera (iktar 'il quddiem ir-"rotot Unjoni-Svizzera"). Hija ppreċiżat, fil-premessa 832 tal-imsemmija deċiżjoni, li l-istess deċiżjoni ma kellhiex "l-iskop li tirrileva kwalunkwe ksur tal-Artikolu 8 tal-Ftehim [dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] fir-rigward tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija [bejn] l-Isvizzera [u] pajjiżi terzi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

27 Min-naħa l-oħra, fil-premessi 1036 sa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jagħmlu s-Sottotaqsima 5.3.8 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "[A]pplikabbiltà tal-Artikolu 101 [TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għar-rotot inbound" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni spjegat ir-raġunijiet għaliex hija ċaħdet l-argumenti ta' diversi trasportaturi inkriminati li hija marret lil hinn mil-limiti tal-kompetenza territorjali tagħha fid-dawl tar-regoli tad-dritt internazzjonali pubbliku billi kkonstatat u ssanzjonat ksur ta' dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet dwar ir-rotot li jitilqu minn pajjiżi terzi u li sejrin iż-ŻEE (iktar 'il quddiem ir-"rotot inbound" u, sa fejn għandhom x'jaqsmu s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija offruti f'dawn ir-rotot, is-"servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound").

28 B'mod partikolari, fil-premessa 1045 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li l-prattiki antikompetittivi sa fejn kellhom x'jaqsmu s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound "setgħu jkollhom effetti immedjati, sostanzjali u prevedibbli fl-Unjoni u fiż-ŻEE, peress li ż-żieda fl-ispejjeż tat-trasport bl-ajru lejn iż-ŻEE u għalhekk il-prezzijiet ogħla tal-merkanzija importata jistgħu, min-natura tagħhom, ikollhom effetti fuq il-konsumaturi fiż-ŻEE" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Hija żiedet tgħid li, f'dan il-każ, dawn il-prattiki setgħu jkollhom tali effetti wkoll fuq il-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru minn trasportaturi oħra fiż-ŻEE, bejn iċ-ċentri ("hubs") fiż-ŻEE użati mit-trasportaturi ta' pajjiżi terzi u l-ajruporti ta' destinazzjoni ta' dawn il-kunsinni fiż-ŻEE li t-trasportatur tal-pajjiż terz ma joperax minnhom.

29 Barra minn hekk, fil-premessa 1046 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li l-akkordju kontenzjuż kien ġie "implimentat globalment", li l-arranġamenti li jikkonċernaw ir-rotot inbound kienu jagħmlu parti integrali mill-ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, u li l-applikazzjoni uniformi tas-sovrataxxi fuq livell globali kienet element ewlieni ta' dan l-akkordju.

30 Is-Sottotaqsima 5.3 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li tirrigwarda l-applikazzjoni f'dan il-każ tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, tinkludi l-premessi 833 sa 1052 tagħha. L-ewwel nett, fil-premessa 846 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li t-trasportaturi inkriminati kienu kkoordinaw l-aġir tagħhom jew influwenzaw it-tarifikazzjoni, u dan kien "finalment jammonta għal iffissar tal-prezzijiet b'rabta" [traduzzjoni mhux uffiċjali] mas-sovrataxxa tal-fjuwil, mas-sovrataxxa tas-sigurtà u mal-ħlas ta' kummissjoni lill-ispedizjoniera fuq is-sovrataxxi. Fil-premessa 861 tal-imsemmija deċiżjoni, hija kkunsidrat li s-"sistema ġenerali ta' koordinazzjoni tal-aġir fejn tidħol it-tarifikazzjoni tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija" li kixfet l-investigazzjoni tagħha kienet tixhed l-eżistenza ta' "ksur kumpless li jikkonsisti f'diversi azzjonijiet li [setgħu] jiġu kklassifikati jew bħala ftehim jew bħala prattika miftiehma li fil-kuntest tagħhom il-kompetituri [kienu] bi ħsieb issostitwixxew il-kooperazzjoni prattika bejniethom bir-riskji tal-kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

31 It-tieni nett, fil-premessa 869 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni qieset li l-"aġir inkwistjoni [kien] jikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 [TFUE]" u ppreċiżat, fil-premessi 870 sa 902 tagħha, li l-arranġamenti inkwistjoni kienu jfittxu li jilħqu għan antikompetittiv uniku, jiġifieri li tiġi ostakolata l-kompetizzjoni fis-settur tat-trasport tal-merkanzija fi ħdan iż-ŻEE, li kienu jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija u t-tarifikazzjoni tagħhom, li kienu jikkonċernaw l-istess impriżi, kienu uniċi u kontinwi u li kienu jirrigwardaw tliet elementi, jiġifieri s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni indikat, fil-premessa 881 ta' din id-deċiżjoni, li Cathay Pacific kienet implikata f'dawn it-tliet elementi.

32 It-tielet nett, fil-premessa 903 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li l-aġir antikompettiv inkwistjoni kellu l-għan li jillimita l-kompetizzjoni tal-inqas fi ħdan l-Unjoni, fiż-ŻEE u fl-Isvizzera. Fil-premessa 917 ta' din tal-aħħar, hija essenzjalment żiedet tgħid li ma kienx meħtieġ, għaldaqstant, li tieħu inkunsiderazzjoni l-effetti konkreti ta' dan l-aġir.

33 Ir-raba' nett, fil-premessi 972 sa 1021 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni ta' seba' pajjiżi terzi li diversi trasportaturi inkriminati sostnew li kienet ġiegħlithom jiftiehmu bejniethom dwar is-sovrataxxi, b'tali mod li fixklet l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni rilevanti. Il-Kummissjoni kkunsidrat li dawn it-trasportaturi ma kienu ġabu ebda prova li l-imsemmija pajjiżi terzi kienu ġiegħluhom jaġixxu b'dan il-mod.

34 Il-ħames nett, fil-premessi 1024 sa 1035 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li l-ksur uniku u kontinwu seta' jaffettwa b'mod sinjifikattiv il-kummerċ bejn l-Istati Membri, bejn il-partijiet kontraenti fil-Ftehim ŻEE u bejn il-partijiet kontraenti fil-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera.

35 It-Taqsima 7 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, intitolata "Tul tal-ksur" [traduzzjoni mhux uffiċjali], tinkludi l-premessi 1146 sa 1169 ta' din id-deċiżjoni. Kif jirriżulta mill-premessa 1146 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-akkordju kontenzjuż kien beda fis-7 ta' Diċembru 1999 u dam sal-14 ta' Frar 2006. F'din il-premessa 1146, hija ppreċiżat li dan l-akkordju kien kiser:

– l-Artikolu 101 TFUE, mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru bejn ajruporti fl-Unjoni;

– l-Artikolu 101 TFUE, mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot Unjoni-pajjiżi terzi;

– l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru bejn ajruporti fiż-ŻEE (iktar 'il quddiem ir-"rotot fiż-ŻEE");

– l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi;

– l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot Unjoni-Svizzera.

36 Fil-premessa 1169 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li t-tul tal-ksur kien, sa fejn kellha x'taqsam Cathay Pacific, mill-4 ta' Jannar 2000 sal-14 ta' Frar 2006.

37 Fit-Taqsima 8 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri korrettivi li kellhom jittieħdu u l-multi li kellhom jiġu imposti fid-dawl tal-Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2). Hija applikat b'mod partikolari, abbażi tal-punt 37 tagħhom, tnaqqis ta' 50 % għall-ammonti bażiċi tal-multi, peress li parti mis-servizzi relatati mar-rotot inbound kif ukoll mar-rotot li jitilqu miż-ŻEE u b'destinazzjoni lejn pajjiżi terzi, bl-eċċezzjoni tar-rotot Unjoni-Svizzera, huma pprovduti barra mit-territorju kopert mill-Ftehim ŻEE u għalhekk parti mid-dannu setgħet seħħet barra minn dan it-territorju. Barra minn hekk, skont il-punt 29 ta' dawn il-linji gwida, hija tat lit-trasportaturi inkriminati tnaqqis addizzjonali fl-ammonti bażiċi ta' 15 % billi ċerti sistemi regolamentari kienu ħeġġew l-akkordju kontenzjuż.

38 L-Artikoli 1, 3 u 4 tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża huma fformulati kif ġej:

"Artikolu 1

Billi kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat-tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija madwar id-dinja sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-[sovrataxxa tas-sigurtà] u l-ħlas ta' kummissjoni fuq is-sovrataxxi, l-impriżi li ġejjin ikkommettew il-ksur uniku u kontinwu li ġej tal-Artikolu 101 [TFUE], tal-Artikolu 53 tal-[Ftehim ŻEE] u tal-Artikolu 8 tal-[Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] sa fejn għandhom x'jaqsmu ir-rotot li ġejjin u matul il-perijodi li ġejjin.

1) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sa fejn għandhom x'jaqsmu r-rotot [fiż-ŻEE], matul il-perijodi li ġejjin:

[…]
g) [Cathay Pacific], mill-4 ta' Jannar 2000 sal-14 ta' Frar 2006;

[…]

2) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 101 [TFUE] sa fejn għandhom x'jaqsmu r-[rotot Unjoni-pajjiżi terzi], matul il-perijodi li ġejjin:

[…]
g) [Cathay Pacific], mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006;

[…]

3) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sa fejn għandhom x'jaqsmu r-[rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi], matul il-perijodi li ġejjin:

[…]
g) [Cathay Pacific], mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006

[…]

4) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 8 tal-[Ftehim KE-Svizzera] sa fejn għandhom x'jaqsmu r-[rotot Unjoni-Svizzera], matul il-perijodi li ġejjin:

[…]
g) [Cathay Pacific], mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006;

[…]

Artikolu 3

Għall-ksur uniku u kontinwu msemmi fl-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni, huma imposti l-multi li ġejjin […]:

[…]

g) [Cathay Pacific], EUR 57 120 000;

[…]

Artikolu 4

L-impriżi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom immedjatament itemmu l-ksur uniku u kontinwu msemmi f'dak l-artikolu, sakemm ma jkunux diġà temmewh.

Huma għandhom iżommu ruħhom ukoll milli jagħmlu kwalunkwe att jew iġibu ruħhom b'mod li jkollu għan jew effett identiku jew simili." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

39 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Mejju 2017, Cathay Pacific ippreżentat rikors intiż għall-annullament tal-Artikolu 1(1) sa (4) tad-Deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn tikkonċernaha, u għall-annullament tal-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni, sa fejn dan jimponi fuqha multa ta' EUR 57 120 000 jew, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont ta' din il-multa.

40 Insostenn ta' dan ir-rikors, Cathay Pacific invokat seba' motivi għal annullament. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq żball ta' liġi, fuq żball ta' fatt, fuq żball ta' evalwazzjoni u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża minħabba li hija kienet inżammet responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu fuq ir-rotot fiż-ŻEE u fuq ir-rotot Unjoni-Svizzera. It-tieni motiv kien ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 u tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' "ġustizzja" u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. It-tielet motiv kien ibbażat fuq żbalji fl-imputazzjoni ta' dan il-ksur lil Cathay Pacific. Ir-raba' motiv kien ibbażat fuq il-konstatazzjoni mhux suffiċjentement motivata tal-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmi ksur f'dak li jirrigwarda r-rotot fiż-ŻEE u r-rotot Unjoni-Svizzera. Il-ħames motiv kien ibbażat fuq diversi żbalji, fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u fuq nuqqas ta' motivazzjoni dwar l-attivitajiet ta' Cathay Pacific fi Stati terzi fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet tal-leġiżlazzjoni li kienet applikabbli għalihom. Is-sitt motiv kien ibbażat fuq nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fuq ir-rotot inbound. Is-seba' motiv kien ibbażat fuq żbalji fil-kalkolu tal-multa.

41 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali annullat l-Artikolu 1(1)(g) u (4)(g) tad-Deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn dan kien jistabbilixxi li Cathay Pacific kienet kisret l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fir-rigward tar-rotot fiż-ŻEE kif ukoll l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE Svizzera f'dak li jirrigwarda r-rotot Unjoni-Svizzera.

42 F'dan ir-rigward, hija qieset, fil-punti 239 u 243 tas-sentenza appellata, li r-rikors ippreżentat minn Cathay Pacific kontra d-Deċiżjoni inizjali ma setax iwassal għas-sospensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 1/2003, fir-rigward tal-aġir li jikkostitwixxi ksur relatat mar-rotot fiż-ŻEE u mar-rotot Unjoni-Svizzera, peress li din id-deċiżjoni ma kinitx tkopri, fil-fehma tagħha, dan l-aġir li jikkostitwixxi ksur. Għalhekk, fil-punt 245 tas-sentenza appellata, hija kkonkludiet li, billi ssanzjonat, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, lil Cathay Pacific għall-ksur uniku u kontinwu fir-rigward tar-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, il-Kummissjoni kienet kisret ir-regoli fil-qasam tal-preskrizzjoni stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003.

43 Peress li kienet laqgħet dan it-tieni motiv, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 249 u 254 tas-sentenza appellata, li l-eżami tal-ewwel u tar-raba' motiv kien sar inutli.

44 Fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 671 tas-sentenza appellata, iffissat l-ammont tal-multa imposta fuq Cathay Pacific għal EUR 47 040 000.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

45 Permezz tal-appell tagħha, Cathay Pacific titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata;

– tilqa' t-talbiet l-oħra mressqa fl-ewwel istanza,

– konsegwentement, tannulla l-konstatazzjonijiet l-oħra ta' ksur li jinsabu fl-Artikolu 1(1) sa (4) tad-Deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn jikkonċernawha, u tannulla l-bilanċ tal-multa li ġiet imposta fuqha mill-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni kontenzjuża;

– sussidjarjament, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, tannulla jew tnaqqas il-bilanċ tal-multa li ġiet imposta fuqha, minħabba żbalji oġġettivi fil-motivi u fir-raġunament tas-sentenza appellata, kif deskritti fis-sitt aggravji;

– fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti kemm fil-kuntest tal-appell kif ukoll fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

46 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u tikkundanna lil Cathay Pacific għall-ispejjeż;

– sussidjarjament, kemm-il darba l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tilqa' l-appell, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u tirriżerva l-ispejjeż.

Fuq l-appell

47 Insostenn tal-appell tagħha, Cathay Pacific tinvoka sitt aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet b'mod żbaljat kompetenza tal-Unjoni fir-rigward ta' aġir li jikkonċerna r-rotot inbound. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali kklassifikat, b'mod żbaljat, u applikat b'mod ħażin l-argument imsejjaħ "tal-obbligu impost mill-Istat" u hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni kif dovut il-prinċipji ta' korteżija internazzjonali u ta' nuqqas ta' ndħil fl-affarijiet ta' Stat terz sovran. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq in-nuqqas tal-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi fuq l-argumenti kollha mressqa quddiemha. Ir-raba' aggravju, li għandu jiġi eżaminat wara l-ħames wieħed, huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni adegwata għall-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali, fis-sens li Cathay Pacific kienet ipparteċipat fi ksur uniku u kontinwu u bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Il-ħames aggravju huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-provi li ma humiex direttament marbuta mal-ksur imputat lil Cathay Pacific u fuq raġunament difettuż fir-rigward tal-provi tal-parteċipazzjoni ta' din tal-aħħar fil-ksur uniku u kontinwu. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali qieset li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet kien jikser l-Artikolu 101 TFUE u/jew kien jikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound

48 L-ewwel aggravju ta' Cathay Pacific għandu jinqasam f'erba' partijiet.

49 Permezz tal-ewwel parti, Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta żnaturat it-tliet elementi kumulattivi tal-kriterju fuq il-bażi tal-effetti kkwalifikati tal-prattiki antikompetittivi fl-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"kriterju tal-effetti kkwalifikati"). Permezz tat-tieni parti, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-evalwazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati ma hijiex neċessarja fir-rigward ta' aġir adottat barra mill-pajjiż jekk dan ikun jagħmel parti minn ksur uniku u kontinwu, li elementi oħra tiegħu kellhom effetti fiż-ŻEE. Permezz tat-tielet parti, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati ma huwiex rilevanti fil-każ ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan. Permezz tar-raba' parti, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ssostitwixxiet il-motivazzjoni tagħha stess għall-motivazzjoni insuffiċjenti tal-Kummissjoni.

50 It-tielet parti għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok.

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq żbalji ta' liġi fl-analiżi tal-effetti kkwalifikati

– *L-argumenti tal-partijiet*

51 Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta, fil-punti 122 u 123 tas-sentenza appellata, tissuġġerixxi li, peress li l-ksur uniku u kontinwu kkonstatat mill-Kummissjoni jikkonsisti f'restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE, l-effetti kkwalifikati ta' dan il-ksur fiż-ŻEE ma għandhomx neċessarjament jiġu stabbiliti. F'dan ir-rigward, ir-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali fil-punt 118 tas-sentenza appellata jwassal sabiex jiġi kkunsidrat li l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tissanzjona aġir adottat barra miż-ŻEE fir-rigward tar-rotot inbound setgħet tiġi preżunta minħabba l-fatt, minn naħa, li l-kunċett ta' "effett" jidher f'dan l-artikolu u, min-naħa l-oħra, li ebda effett ma għandu neċessarjament jintwera fil-każ ta' ksur "minħabba l-għan". Issa, tali pożizzjoni hija żbaljata. Qabelxejn, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati jirriżulta mir-rekwiżit li aġir għandu jkollu rabta territorjali mas-suq intern, li fir-rigward tiegħu l-Kummissjoni hija kompetenti. Sussegwentement, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati applikabbli fil-kuntest ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE ma jistax ikun l-istess bħal dak li japplika għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE. Fl-aħħar nett, aġir adottat barra miż-ŻEE relatat mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ma jistax jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni minħabba l-għan tar-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni peress li jirrigwarda l-offerta ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija f'suq estern għaż-ŻEE.

52 Il-Kummissjoni ssostni li din it-tielet parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

53 Għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, li, fil-każ ta' aġir li l-Kummissjoni tkun qieset, bħal f'dan il-każ, li jikkawża livell ta' dannu għall-kompetizzjoni fis-suq intern jew fiż-ŻEE b'tali mod li seta' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-"għan" fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, l-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati ma tistax teħtieġ il-prova tal-effetti konkreti li tippreżupponi l-klassifikazzjoni ta' aġir bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba r-"riżultat", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

54 Bl-istess mod, hija indikat, fil-punt 122 ta' din is-sentenza, li jekk wieħed jinterpreta l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kif Cathay Pacific donnha qiegħda tissuġġerixxi, fis-sens li tinħtieġ il-prova tal-effetti konkreti tal-aġir kontenzjuż anki meta jkun hemm restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-"għan", jiġri li l-kompetenza tal-Kummissjoni li tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE ssir suġġetta għal kundizzjoni li ma għandha ebda bażi fit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

55 Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, fil-punt 123 tal-imsemmija sentenza, li Cathay Pacific, minn naħa, ma setgħetx validament tikkritika lill-Kummissjoni talli għamlet żball meta qieset li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, meta din tal-aħħar, fil-premessi 917, 1190 u 1277 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, kienet indikat li hija ma kinitx obbligata tevalwa l-effetti antikompetittivi tal-aġir kontenzjuż fid-dawl tal-għan antikompetittiv ta' dan tal-aħħar u,

min-naħa l-oħra, lanqas ma setgħet tiddeduċi minn dawn il-premessi li l-Kummissjoni ma kienet għamlet ebda analiżi tal-effetti li pproduċa dan l-aġir fis-suq intern jew fiż-ŻEE għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-kriterju.

56 Madankollu, kif diġà jindikaw il-motivi esposti fit-tieni lok f'dan il-punt 123, minn dawn il-punti kkontestati minn Cathay Pacific ma jistax jiġi dedott li, sabiex tistabbilixxi li, f'dan il-każ, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, il-Qorti Ġenerali qieset li kien biżżejjed li l-akkordju kontenzjuż ikun jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għan.

57 Fil-fatt, minn qari tal-punti 114 sa 133 tas-sentenza appellata kollha kemm huma jirriżulta li l-Qorti Ġenerali sempliċement ċaħdet l-argument li Cathay Pacific kienet ressqet quddiemha, miġbur fil-qosor fil-punt 103 u 104 ta' din is-sentenza. Għalhekk, f'dawn il-punti, hija indikat ir-raġunijiet għaliex kien b'mod żbaljat li Cathay Pacific sostniet quddiemha li l-fatt li, fil-motivi tad-Deċiżjoni kontenzjuża relatati, fir-rigward tal-premessa 917 ta' din tal-aħħar, mal-klassifikazzjoni tar-restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni inkwistjoni u, fir-rigward tal-premessi 1190 u 1277 tagħha, mal-kalkolu tal-multa, il-Kummissjoni kienet indikat li l-prova tal-effetti antikompetittivi reali ma kinitx meħtieġa, peress li l-għan antikompetittiv tal-aġir ikkonċernat kien stabbilit, kien ifisser li l-Kummissjoni kienet, minħabba dan l-għan antikompetittiv, naqset milli tevalwa jekk dan l-aġir kienx ipproduċa l-effetti kkwalifikati meħtieġa għall-istabbiliment tal-kompetenza tagħha biex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound.

58 Issa, minn naħa, il-Qorti Ġenerali, billi essenzjalment irrispondiet li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati, li jservi bħala bażi għall-kompetenza ekstraterritorjali tal-Kummissjoni, huwa differenti mill-kwistjoni jekk l-akkordju kontenzjuż jistax jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, ma għamlet ebda żball ta' liġi. Kif irrileva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 42 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati, li jista' jservi bħala bażi għall-kompetenza ta' applikazzjoni ekstraterritorjali tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u taż-ŻEE mill-Kummissjoni fid-dawl tad-dritt internazzjonali pubbliku, ma jikkoinċidix mal-kriterju sostanzjali relatat mar-restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni, minħabba l-għan jew minħabba l-effett, fi ħdan is-suq intern tal-Unjoni jew fiż-ŻEE, li għalih hija suġġetta l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata u tissanzjona, taħt id-dritt tal-Unjoni, ksur ta' dawn ir-regoli tal-kompetizzjoni.

59 Min-naħa l-oħra, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali intiża li jiġi ddeterminat jekk il-Kummissjoni kinitx korrettament qieset li, f'dan il-każ, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, hija spjegata fil-punti 111 sa 180 tas-sentenza appellata fir-rigward tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ikkunsidrata waħedha u fil-punti 181 sa 190 ta' din is-sentenza fir-rigward tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu.

60 F'dawn iċ-ċirkustanzi, Cathay Pacific twettaq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata meta hija ssostni li l-Qorti Ġenerali qieset li kien possibbli, sabiex tiġi stabbilita, abbażi tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati, il-kompetenza tal-Kummissjoni li tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għal aġir adottat barra mit-territorju taż-ŻEE, li ma jintwerewx tali effetti meta dan l-aġir ikun jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għan.

61 Konsegwentement, l-argument espost fil-punt 51 ta' din is-sentenza għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq żnaturament tal-elementi li jikkostitwixxu l-kriterju tal-effetti kkwalifikati

– *L-argumenti tal-partijiet*

62 Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat kull wieħed mit-tliet elementi li jikkostitwixxu l-kriterju tal-effetti kkwalifikati, jiġifieri n-natura prevedibbli ta' dawn l-effetti, in-natura sostanzjali tagħhom u n-natura immedjata tagħhom.

63 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegata natura prevedibbli tal-effetti tal-aġir li jikkostitwixxi ksur fiż-ŻEE, Cathay Pacific issostni li, kuntrarjament għal dak li huwa affermat fil-punti 134 sa 150 tas-sentenza appellata, l-aġir tagħha relatat mas-servizzi inbound fiż-ŻEE ma kellux tali effett fiż-ŻEE. F'dan ir-rigward, hija tindika li r-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali fil-punti 142 sa 147 ta' din is-sentenza sabiex waslet għal din il-konklużjoni huwa "pretenzjuż u simplistiku", peress li evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' mgħoddija teżiġi ġeneralment analiżi fattwali u ekonomika kumplessa. F'dan ir-rigward, tali analiżi ekonomika ġiet effettivament prodotta matul il-proċedura tal-ewwel istanza, iżda l-Qorti Ġenerali rrifjutat li teħodha inkunsiderazzjoni.

64 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegata natura sostanzjali ta' dawn l-effetti fiż-ŻEE, Cathay Pacific issostni li, fil-punti 151 sa 161 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' "natura sostanzjali" tal-effetti tal-aġir li jikkostitwixxi ksur fiż-ŻEE. Hija ssostni li, fil-punt 160 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-kumpanniji tal-ajru kkonċernati kienu jirrappreżentaw flimkien 34 % tal-offerta ta' servizzi inbound fiż-ŻEE, li Cathay Pacific kienet tikkostitwixxi biss parti żgħira minnha. Tali proporzjon hija 'l bogħod milli jkun sostanzjali. Hija żżid li, fil-punt 153 tal-imsemmija sentenza, l-uniku effett imsemmi mill-Qorti Ġenerali ġewwa ż-ŻEE huwa l-allegat effett fuq il-prezz tal-merkanzija importata fiż-ŻEE. Madankollu, hija ma pprovdietx indikazzjoni dwar il-parti ta' din il-merkanzija effettivament irrappreżentata mis-servizzi inbound ta' Cathay Pacific. Barra minn hekk, il-punti 154 sa 158 tal-istess sentenza huma irrilevanti sabiex jiġi stabbilit l-effett tal-aġir adottat barra mill-pajjiż fuq il-prezz tal-merkanzija importata fiż-ŻEE. Fl-aħħar nett, Cathay Pacific tikkritika r-raġunament li jinsab fil-punt 159 tas-sentenza appellata, sa fejn dan ir-raġunament jirreferi biss għall-premessa 1031 tad-Deċiżjoni inizjali, filwaqt li din il-premessa tirreferi għal deċiżjoni dwar it-trasport tal-merkanzija marittima transatlantika. Dan ir-riferiment għalhekk ma jikkonċernax it-trasport tal-merkanzija bl-ajru inkwistjoni u, barra minn hekk, jippermetti biss li jiġi stabbilit li l-prezz tas-servizzi ta' trasport kien jirrappreżenta "parti", u mhux "parti sostanzjali", tal-prezz finali tal-merkanzija.

65 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-allegata natura immedjata tal-imsemmija effetti fiż-ŻEE, Cathay Pacific issostni li, kuntrarjament għal dak li huwa indikat fil-punti 162 sa 170 tas-sentenza appellata, l-aġir tagħha relatat mas-servizzi inbound fiż-ŻEE ma kellu ebda effett immedjat jew dirett ġewwa ż-ŻEE. Fil-fatt, fil-punti 145, 146, 147 u 164 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali aċċettat li kull effett tal-aġir kontenzjuż ġewwa ż-ŻEE jew tas-suq intern jista' jkun biss indirett, għaliex is-servizzi inbound fiż-ŻEE nbiegħu lil klijenti esterni għaż-ŻEE u li, sabiex ikollhom effett ġewwa ż-ŻEE, dawn ix-xerrejja esterni għaż-ŻEE kellhom jgħaddu l-ispiża addizzjonali fuq il-klijenti li jinsabu fiż-ŻEE. Issa, bħala prinċipju, effett indirett ma huwiex immedjat. F'dan ir-rigward, l-approċċ adottat mill-Qorti Ġenerali jwassal sabiex jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni tista' tapplika l-Artikolu 101 TFUE għal akkordju kullimkien fid-dinja jekk dan ikun wassal għal żieda fil-prezzijiet, minn naħa, ta' merkanzija li, fl-assenza ta' kull aġir tal-membri tal-akkordju, kienu jispiċċaw jinbiegħu fiż-ŻEE, jew, min-naħa l-oħra, ta' kull servizz indirettament assoċjat ma' tali merkanzija.

66 Il-Kummissjoni ssostni li din l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

67 Għandu jitfakkar li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell għandu jkun limitat għall-punti ta' liġi.

68 Għalhekk, meta l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li teżerċita, skont l-Artikolu 256 TFUE, stħarriġ fuq il-klassifikazzjoni ġuridika tagħhom u l-konsegwenzi ta' dritt li nsiltu minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Mejju 1998, Deere vs Il-Kummissjoni, C-7/95 P, EU:C:1998:256, punt 21, kif ukoll tal-11 ta' Jannar 2024, Planistat Europe u Charlot vs Il-Kummissjoni, C-363/22 P, EU:C:2024:20, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Għall-kuntrarju, hija biss il-Qorti Ġenerali li tista' tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll li tevalwa l-provi. Fil-fatt, ladarba dawn il-provi jkunu nkisbu b'mod regolari, u l-prinċipji ġenerali tad-dritt kif ukoll ir-regoli ta' proċedura li japplikaw fir-rigward tal-oneru u tal-produzzjoni tal-prova jkunu ġew osservati, hija biss il-Qorti Ġenerali li tista' tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-provi li jkunu nġiebu quddiemha. Għalhekk, l-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u provi ma hijiex, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tagħhom, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell (sentenza tat-28 ta' Mejju 1998, Deere vs Il-Kummissjoni, C-7/95 P, EU:C:1998:256, punt 22, u tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

70 F'dan ir-rigward, meta jallega żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali, appellant għandu, skont l-Artikolu 256 TFUE, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jindika b'mod preċiż l-elementi li kienu ġew żnaturati minnha u juri l-iżbalji fl-analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, żnaturament għandu jirriżulta b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (sentenza tal-10 ta' Novembru 2022, Il-Kummissjoni vs Valencia Club de Fútbol, C-211/20 P, EU:C:2022:862, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, ma huwiex biżżejjed li jintwera li dokument jista' jkun suġġett għal interpretazzjoni differenti minn dik adottata mill-Qorti Ġenerali (sentenza tal-5 ta' Marzu 2024, Kočner vs Europol, C-755/21 P, EU:C:2024:202, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 Għandu jitfakkar ukoll li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 168(1)(d) u l-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura, appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li l-annullament tagħha jkun qiegħed jintalab kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba, taħt piena tal-inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernat. Għalhekk, l-elementi tal-appell li ma jinkludu ebda argument intiż speċifikament sabiex jidentifika l-iżball ta' liġi li bih tkun ivvizzjata s-sentenza appellata ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit u għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni, C-31/23 P, EU:C:2024:851, punti 51 u 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

72 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, fir-rigward tan-natura prevedibbli tal-effetti tal-aġir li jikkostitwixxi ksur, Cathay Pacific tilmenta, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali segwiet raġunament simplistiku u ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-analiżi ekonomika li hija kienet ippreżentatilha.

73 Madankollu, minn naħa, b'dan il-mod, Cathay Pacific tillimita ruħha, essenzjalment, li tfakkar il-kontenut tal-punti 142 u 147 tas-sentenza appellata, li jikkorrispondu, rispettivament, għall-punt introduttiv u għall-punt konklużiv tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali, li permezz tiegħu din wieġbet għad-domanda dwar jekk kienx prevedibbli għat-trasportaturi inkriminati li l-ispedizjoniera kienu ser jgħaddu l-ispiża addizzjonali fuq l-ispedituri. Għalhekk, minbarra l-affermazzjoni ġenerali li r-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali huwa "pretenzjuż u simplistiku", Cathay Pacific ma tressaq ebda argument legali intiż li jistabbilixxi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi f'dan ir-rigward.

74 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-analiżi ekonomika ppreżentata fl-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali indikat b'mod ċar, fil-punt 140 tas-sentenza appellata, ir-raġunijiet li għalihom hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni din l-analiżi, billi ppreċiżat li Cathay Pacific ma kinitx identifikat is-siltiet preċiżi tar-rapport ta' 48 paġna li hija kellha l-intenzjoni li tinvoka, u lanqas ma sostniet li l-imsemmi rapport seta' juri li l-kuntest ekonomiku u ġuridiku rilevanti kien tali li jirrendi imprevedibbli ż-żieda fil-livell tas-sovrataxxi minħabba l-aġir kontenzjuż, ħaġa li din tal-aħħar ma tikkontestax. Minkejja li tilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żnaturament, Cathay Pacific tfittex għalhekk, fir-realtà, li tikkontesta l-evalwazzjoni ta' din il-prova, kif imwettqa mill-Qorti Ġenerali f'dan il-punt 140, mingħajr ma turi kif din l-evalwazzjoni hija manifestament żbaljata, li, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 69 u 70 ta' din is-sentenza, huwa inammissibbli fl-istadju tal-appell.

75 Fit-tieni lok, fir-rigward tan-natura sostanzjali ta' dawn l-effetti, għandu jiġi rrilevat li Cathay Pacific sempliċement issostni li, fil-punti 151 sa 161 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat dan il-kunċett ta' "natura sostanzjali", billi allegat li diversi elementi tar-raġunament ta' din tal-aħħar ma humiex rilevanti, b'mod partikolari l-konstatazzjoni li l-kumpanniji tal-ajru kkonċernati kienu jirrappreżentaw flimkien 34 % tal-offerta ta' servizzi inbound fiż-ŻEE, ir-riferiment għal allegat effett fuq il-prezz tal-merkanzija importata fiż-ŻEE mingħajr ma ġiet ippreċiżata l-parti effettivament irrappreżentata mis-servizzi inbound ta' Cathay Pacific stess, kif ukoll ir-riferiment magħmul fil-punt 159 ta' din is-sentenza għal deċiżjoni dwar it-trasport marittimu transatlantiku.

76 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' dan l-argument, bl-iskuża ta' allegazzjoni ta' żnaturament, Cathay Pacific titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti diġà evalwati minnha f'dawn il-punti, li ma taqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 69 ta' din is-sentenza.

77 Fit-tielet lok, fir-rigward tan-natura immedjata tal-imsemmija effetti, Cathay Pacific tilmenta, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali ma stabbilixxietx tali natura immedjata, iżda li ddeduċietha b'mod żbaljat minn effett indirett tal-aġir li jikkostitwixxi ksur fi ħdan iż-ŻEE jew fis-suq intern.

78 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, bl-iskuża ta' kritika tal-Qorti Ġenerali fis-sens li wettqet żnaturament tal-kundizzjoni ta' immedjatezza, l-argumenti ta' Cathay Pacific dwar l-allegat nuqqas ta' natura immedjata tal-effetti tal-aġir li jikkostitwixxi ksur fiż-ŻEE huma intiżi, fir-realtà, sabiex tinkiseb, għal darba oħra, evalwazzjoni ġdida tal-fatti billi tinvoka allegat effett indirett ta' dan l-aġir fiż-ŻEE. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni Cathay Pacific, tali effett indirett bl-ebda mod ma ġie kkonstatat mill-Qorti Ġenerali fil-punti 145 sa 147 u 164

tas-sentenza appellata, peress li dawn juru biss li kien prevedibbli, għat-trasportaturi inkriminati, li l-aġir li jikkostitwixxi ksur inkwistjoni kellu bħala effett, sa fejn jirrigwarda r-rotot inbound, żieda fil-prezz tal-merkanzija importata fiż-ŻEE. Konsegwentement, dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 69 ta' din is-sentenza.

79 Għalhekk, l-ewwel parti ta' dan l-aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq sostituzzjoni illegali tal-motivi

– *L-argumenti tal-partijiet*

80 Cathay Pacific issostni li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ssostitwixxiet il-motivazzjoni insuffiċjenti tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati bil-motivazzjoni tagħha stess. Fil-fatt, il-motivazzjoni li tinsab f'dan ir-rigward fid-Deċiżjoni kontenzjuża hija limitata biss għall-premessa 1045 ta' din id-deċiżjoni. Issa, 80 punt tas-sentenza appellata jirrigwardaw l-eżami mill-Qorti Ġenerali tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati.

81 B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali ssostitwixxiet il-motivazzjoni tagħha stess għal dik tal-Kummissjoni dwar l-aspetti li ġejjin. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali eżaminat fid-dettall kull waħda mit-tliet aspetti tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati, filwaqt li l-Kummissjoni llimitat ruħha li tikkwotahom mingħajr ma vverifikat fid-dettall li kull wieħed minnhom kien issodisfatt individwalment. It-tieni nett, id-Deċiżjoni kontenzjuża, f'dan ir-rigward, ma tagħmel ebda riferiment, qabel kollox, għall-preżunzjoni ta' mgħoddija tas-sovrataxxi mill-ispedizjoniera fuq l-ispedituri, invokata mill-Qorti Ġenerali fil-punti 125 sa 127 u 137 sa 140 tas-sentenza appellata, sussegwentement, għall-kunċett ta' "rabta kawżali" introdott mill-Qorti Ġenerali fil-punti 162 *et seq* ta' din is-sentenza, u, fl-aħħar nett, għall-affermazzjoni li tinsab fil-punt 131 tal-imsemmija sentenza. It-tielet nett, id-Deċiżjoni kontenzjuża ma tinkludix analiżi tal-effetti tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu, irrilevati u analizzati mill-Qorti Ġenerali fil-punti 106 u 163 sa 178 tal-istess sentenza.

82 Il-Kummissjoni tqis li din ir-raba' parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

83 Għandu jitfakkar li mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-portata tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE tkopri l-elementi kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE li l-Qorti Ġenerali għandha tiżgura stħarriġ iddettaljat tagħhom, kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt, fid-dawl tal-motivi li jqajjem ir-rikorrent u tal-provi kollha li jipproduċi dan tal-aħħar. Madankollu, fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, il-qrati tal-Unjoni ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jissostitwixxu l-motivazzjoni tal-awtur tal-att inkwistjoni b'tagħhom stess (sentenza tal-4 ta' Lulju 2024, Westfälische Drahtindustrie u Pampus Industriebeteiligungen vs Il-Kummissjoni, C-70/23 P, EU:C:2024:580, punt 38, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

84 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma tistax timla, bil-motivazzjoni tagħha stess, lakuna fil-motivazzjoni tal-att ikkontestat, b'tali mod li l-eżami tagħha ma jkun marbut ma' ebda evalwazzjoni f'dan tal-aħħar (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, UEFA vs Il-Kummissjoni, C-201/11 P, EU:C:2013:519, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 Madankollu, meta l-Qorti Ġenerali sempliċement tirrispondi għall-argument imressaq quddiemha u tispjega għalhekk il-motivazzjoni tal-att ikkontestat, ma jistax jitqies li hija tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha stess għal dik tal-awtur ta' dan l-att (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2014, Deltafina vs Il-Kummissjoni, C-578/11 P, EU:C:2014:1742, punt 56, u tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair vs Il-Kummissjoni, C-209/21 P, EU:C:2023:905, punt 49).

86 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punti 108 u 124 tas-sentenza appellata, l-ewwel sentenza tal-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kien fiha, anki jekk fuq fuq, il-provi li ppermettew lill-Qorti Ġenerali tivverifika li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet il-kompetenza ekstraterritorjali tagħha fid-dawl tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati. Fil-fatt, huma dawn il-provi li, moqrija fid-dawl tal-premessi rilevanti l-oħra ta' din id-deċiżjoni, imsemmija fil-punti 129, 136 sa 139, 143, 146, 154 sa 156, 159 u 160 ta' din is-sentenza, ippermettew lill-Qorti Ġenerali tivverifika li l-Kummissjoni kienet effettivament stabbilixxiet l-eżistenza ta' tali effetti. Barra minn hekk, mill-punti 114 sa 180 tal-imsemmija sentenza jirriżulta li, f'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali sempliċement irrispondiet għall-argumenti mressqa lilha minn Cathay Pacific u li tispjega l-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża, b'mod iktar partikolari billi siltet ċerti indikazzjonijiet mill-elementi li jinsabu fiha. Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, is-sostituzzjoni tal-motivi allegata ma hijiex stabbilita.

87 Konsegwentement, l-argument espost fil-punti 80 u 81 ta' din is-sentenza għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni parti, dwar il-ħtieġa ta' evalwazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati f'dak li jikkonċerna aġir adottat barra mill-pajjiż

– *L-argumenti tal-partijiet*

88 Cathay Pacific issostni li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali li jinsab fil-punti 181 sa 190 tas-sentenza appellata u, b'mod partikolari, fil-punt 188 ta' din is-sentenza, huwa żbaljat. F'dan ir-rigward, mis-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632), jirriżulta li l-kunċett ta' "ksur uniku u kontinwu" ma jistax jintuża sabiex tiġi estiża artifiċjalment il-kompetenza prevista fl-Artikolu 101 TFUE. B'mod partikolari, aġir adottat barra mill-pajjiż ma jistax jitqies li huwa illegali skont dan l-artikolu, mingħajr ma jkun intwera speċifikament li dan l-aġir jaffettwa ż-ŻEE u s-suq intern. Jekk ftehim jew prattika miftiehma ma jkollhiex l-għan jew l-effett li tirrestriġi l-kompetizzjoni fiż-ŻEE u s-suq intern, dan il-ftehim jew din il-prattika ma jistgħux jifformaw parti minn allegat ksur uniku u kontinwu.

89 Cathay Pacific iżżid li l-ksur uniku u kontinwu allegat fid-Deċiżjoni kontenzjuża huwa differenti minn dak eżaminat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza. Fil-fatt, f'dan il-każ, il-bejgħ ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija sar lokalment, jiġifieri fl-ajruporti li minnhom joriġinaw il-kunsinni, b'tali mod li s-swieq rilevanti huma lokali. Aġir relattiv għas-swieq tar-rotot inbound ma jkollu l-ebda effett fuq is-swieq tar-rotot outbound miż-ŻEE, peress li l-kompetizzjoni hija differenti f'kull suq.

90 Il-Kummissjoni tqis li din it-tieni parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

91 Għandu jiġi osservat li, permezz tas-sitt motiv tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, Cathay Pacific sempliċement ikkontestat il-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-aġir inkwistjoni sa fejn dan kien jirrigwarda s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 180 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha raġun tqis li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt sa fejn kellha x'taqsam il-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ikkunsidrata waħedha, b'tali mod li l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-aġir kontenzjuż, sa fejn din kienet ikkontestata, kienet stabbilita. Minn dan isegwi li kien superfluwu għall-Qorti Ġenerali li teżamina, fil-punti 181 sa 190 tas-sentenza appellata, jekk il-Kummissjoni, sabiex tistabbilixxi l-kompetenza tagħha li tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-aġir kontenzjuż, kellhiex ukoll raġun tqis, fil-premessa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt fid-dawl tal-effetti tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu.

92 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-analiżi kollha preċedenti, dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba' parti tal-ewwel aggravju, il-Qorti Ġenerali, meta kkonkludiet f'dan is-sens fil-punt 180 tas-sentenza appellata, ma għamlet ebda wieħed mill-iżbalji ta' liġi allegati.

93 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li din il-parti tikkonċerna motivi superfluwi tas-sentenza appellata. Issa, skont il-ġurisprudenza stabbilita, ilmenti diretti kontra motivi superfluwi ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u huma, għalhekk, ineffettivi (sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 537, kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2024, thyssenkrupp vs Il-Kummissjoni, C-581/22 P, EU:C:2024:821, punt 263 u l-ġurisprudenza ċċitata).

94 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq it-tieni aggravju, dwar il-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat

95 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kriterji li jippermettu li tiġi evalwata l-eżistenza ta' pressjoni mill-Istat li tiġġustifika n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE kif ukoll fl-interpretazzjoni tagħha tad-dritt barrani applikabbli u tar-rekwiżiti imposti mill-awtoritajiet regolatorji lokali, b'mod partikolari dawk tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Ħong Kong tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina (iktar 'il quddiem "Ħong Kong"), tal-Ġappun, tar-Repubblika tal-Indja u tar-Repubblika ta' Singapor. Hija kellha tikkonkludi li l-kriterji rilevanti kienu ssodisfatti. Cathay Pacific iżżid li, sa fejn il-kontenut tad-dritt barrani huwa element fattwali li għandu jiġi ddeterminat skont il-provi għad-dispożizzjoni tal-qorti responsabbli għall-istħarriġ, il-Qorti Ġenerali żnaturat b'mod inaċċettabbli l-provi relatati mad-drittijiet kif ukoll mal-prattiki amministrattivi ta' dawn il-pajjiżi terzi. Cathay Pacific taqsam l-iżbalji speċifiċi li twettqu f'dan ir-rigward f'sitt partijiet, li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-interpretazzjoni żbaljata tas-sens tal-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru f'Ħong Kong

– *L-argumenti tal-partijiet*

96 Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet dwar is-Servizzi tal-Ajru (iktar 'il quddiem il-"FSA") konklużi minn Ħong Kong. F'dan ir-rigward, fil-punti 424 u 425 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, bħall-Kummissjoni, tirrikonoxxi, ġustament, li d-dispożizzjonijiet tal-FSA kienu japprovaw u jawtorizzaw il-konsultazzjonijiet bejn it-trasportaturi. Madankollu, hija qieset, b'mod żbaljat, li dawn il-konsultazzjonijiet ma kinux meħtieġa. Issa, il-formulazzjoni tal-FSA tippreċiża li qabel ma tkun tista' titressaq talba individwali ta' kumpannija tal-ajru partikolari, l-ewwel kellu jsir tentattiv sabiex il-każ jiġi solvut permezz ta' konsultazzjoni, u għalhekk dan l-istadju ma jistax jiġi injorat.

97 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

98 Għandu jiġi rrilevat li mill-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 424 u 425 tas-sentenza appellata jirriżulta li, għalkemm Cathay Pacific sostniet li l-FSA konklużi minn Ħong Kong kienu jipprevedu jew jawtorizzaw il-koordinazzjoni tariffarja u li l-aġir tat-trasportaturi kien approvat jew awtorizzat uffiċjalment, dawn l-argumenti ma kinux jikkontestaw il-konstatazzjonijiet li jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża li l-FSA kienu sempliċement jawtorizzaw konsultazzjonijiet dwar il-prezzijiet, mingħajr ma imponew obbligu f'dan is-sens.

99 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju tagħha, Cathay Pacific tipprova tikseb evalwazzjoni ġdida tal-kontenut ta' dawn il-ftehimiet, b'tali mod li din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 69 ta' din is-sentenza, peress li hija intiża, taħt il-pretest ta' kritika tal-Qorti Ġenerali għal żnaturament tal-imsemmija ftehimiet, li tikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti, mingħajr ma turi b'liema mod, kif teżiġi l-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 70 ta' din is-sentenza, l-interpretazzjoni tagħhom mill-Qorti Ġenerali hija manifestament żbaljata.

100 Konsegwentement, l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat injorat il-provi prodotti quddiemha jew żnaturathom

– *L-argumenti tal-partijiet*

101 Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta injorat il-provi prodotti quddiemha minn espert tad-dritt ta' Ħong Kong jew żnaturathom. Hija tindika li l-kontenut tad-dritt u tal-prattiki amministrattivi ta' Ħong Kong ġie ppreżentati lill-Qorti Ġenerali f'rapport ta' dan l-espert u li dan il-kontenut ġie kkonfermat mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili ta' Ħong Kong (iktar 'il quddiem id-"DAĊ"). Il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li Cathay Pacific, jew kwalunkwe fornitur ieħor ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru li joriġina minn Ħong Kong, kellha soluzzjoni

alternattiva realistika għat-talba kollettiva għall-awtorizzazzjoni ta' sovrataxxa tal-fjuwil tikkostitwixxi żnaturament tal-provi li ġew prodotti quddiemha, peress li tali soluzzjoni hija ineżistenti. Hija żżid li l-Qorti Ġenerali wettqet dan l-iżball minkejja li rrikonoxxiet, fil-punt 436 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni, fil-premessa 988(a) tad-Deċiżjoni kontenzjuża kienet interpretat b'mod żbaljat ittra tad-DAĊ li, kuntrarjament għall-interpretazzjoni tal-Kummissjoni magħmula f'din il-premessa, ma kinitx tindika b'mod ċar li talba individwali għal sovrataxxa tal-fjuwil b'rata fissa kienet possibbli.

102 Il-Kummissjoni tqis li din it-tieni parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

103 Għandu jiġi rrilevat li, ċertament, fil-punt 436 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li, kuntrarjament għal dak li kienet qieset il-Kummissjoni fil-premessa 988(a) tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-possibbiltà li jitressqu talbiet individwali dwar is-sovrataxxa tas-sigurtà ma tirriżultax b'mod ċar mill-ittra tad-DAĊ imsemmija f'din il-premessa. Madankollu, fil-punt 439 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat ukoll li din l-ittra kienet tikkostitwixxi biss wieħed mill-elementi eżaminati fil-premessa 988 tad-Deċiżjoni kontenzjuża u li s-sempliċi fatt li l-imsemmija ittra ma kinitx turi li d-DAĊ kien jaċċetta li jeżamina talbiet individwali dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil ma kienx biżżejjed sabiex jikkontradixxi l-motivi kollha adottati mill-Kummissjoni fil-premessi 987 sa 989 ta' din id-deċiżjoni.

104 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, bl-iskuża ta' allegazzjoni ta' żnaturament, Cathay Pacific essenzjalment titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta' din il-parti, twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti diġà eżaminati mill-Qorti Ġenerali f'dawn il-punti, mingħajr ma turi kif din l-evalwazzjoni hija manifestament żbaljata, li, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 69 u 70 ta' din is-sentenza, ma taqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

105 Għaldaqstant, din it-tieni parti għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipji tad-dritt pubbliku internazzjonali

– *L-argumenti tal-partijiet*

106 Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali, wara li kkonstatat, fil-punt 432 tas-sentenza appellata, li s-sistema ta' awtorizzazzjoni kollettiva applikabbli f'Ħong Kong kienet obbligatorja għall-awtorizzazzjoni ta' sovrataxxa tal-fjuwil ibbażata fuq l-indiċi, ma kellhiex raġun tikkonstata, fil-punt 451 ta' din is-sentenza, skont il-kriterju tad-dritt tal-Unjoni applikabbli, li ma kienx jeżisti tali obbligu minħabba li l-appellanti "ma [kinitx] uriet li l-qafas regolamentari ta' Ħong Kong […] għamel impossibbli t-tressiq ta' talba individwali quddiem id-[DAĊ] għal [sovrataxxa tal-fjuwil] ta' ammont fiss". B'dan il-mod, hija kisret "il-prinċipji tad-dritt pubbliku internazzjonali".

107 Minn naħa, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li minn dikjarazzjoni tad-DAĊ dwar it-talbiet individwali kien jirriżulta li kien jeżisti mezz realistiku ieħor sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni ta' sovrataxxa tal-fjuwil, u billi minn dan hija ddeduċiet li Cathay Pacific ma setgħetx tinvoka l-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat. Barra minn hekk, hija applikat il-kriterju tagħha stess b'mod żbaljat u irraġonevoli, sa fejn ikkonkludiet, f'dan l-istess punt 451 tal-imsemmija sentenza, li Cathay Pacific ma kinitx uriet li l-qafas regolamentari ta' Ħong Kong

kien jobbligaha tiddiskuti t-tariffi tagħha ma' trasportaturi oħra u rrendiet impossibbli t-tressiq ta' talba individwali quddiem id-DAĊ għal sovrataxxa tal-fjuwil ta' ammont fiss. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali żbaljat ukoll meta qieset li Cathay Pacific ma stabbilixxietx li l-Kummissjoni kienet qieset b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kontenzjuża, li l-leġiżlazzjoni ta' Ħong Kong ma kinitx tipprekludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE. F'dan ir-rigward, il-possibbiltà li titressaq talba individwali quddiem id-DAĊ kienet prevista għall-ewwel darba f'Settembru 2006, jiġifieri wara l-ewwel tfittxijiet tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, din il-possibbiltà kienet biss teoretika u suġġetta għal kundizzjonijiet.

108 Min-naħa l-oħra, Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma rrikonoxxietx li kien il-leġiżlatur tal-Unjoni, minn naħa, u l-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, li kellhom "jipprevedu u jimplimentaw sistema li ssegwi għanijiet distinti permezz ta' metodi differenti", li hija kellha tieħu inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni tagħha tal-kriterju tal-"obbligu ġuridiku" impost fuq l-impriża kkonċernata. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali llimitat b'mod żbaljat l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' pressjoni mill-Istat għas-sitwazzjonijiet li fihom jista' jintwera minn din l-impriża li kien impossibbli li tinstab kwalunkwe possibbiltà oħra li tikkonforma ruħha mad-dritt barrani inkwistjoni. B'dan il-mod, hija interpretat b'mod żbaljat il-kriterju ġuridiku applikabbli, b'mod partikolari fid-dawl tal-prinċipji ta' korteżija internazzjonali u ta' nuqqas ta' ndħil.

109 Il-Kummissjoni tqis li din it-tielet parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

110 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li Cathay Pacific tikkritika, essenzjalment, il-punt 451 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali, wara li analizzat l-argumenti u evalwat l-elementi fattwali li kienu ġew ippreżentati lilha, ikkonkludiet li Cathay Pacific "ma [kinitx] uriet li l-qafas regolamentari ta' Ħong Kong kien jobbligaha tiddiskuti t-tariffi tagħha ma' trasportaturi oħra u kien irrenda impossibbli t-tressiq ta' talba individwali quddiem id-DAĊ għal sovrataxxa tal-fjuwil ta' ammont fiss [u li għalhekk ma kinitx stabbilixxiet] li l-Kummissjoni [kienet] qieset b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni [kontenzjuża], li l-leġiżlazzjoni ta' Ħong Kong ma kinitx tipprekludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE". Għaldaqstant, permezz ta' dan l-ilment, Cathay Pacific titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti diġà evalwati mill-Qorti Ġenerali, li ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 69 ta' din is-sentenza, peress li ebda żnaturament ta' dawn il-fatti ma ġie invokat.

111 Barra minn hekk, sa fejn, permezz ta' dan l-ilment, Cathay Pacific tilmenta li l-Qorti Ġenerali imponiet fuqha l-oneru tal-produzzjoni ta' prova impossibbli, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-provi xierqa sabiex juru, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Għall-kuntrarju, hija l-impriża li tinvoka motiv ta' difiża kontra l-konstatazzjoni ta' tali ksur li għandha turi li dan il-motiv ta' difiża għandu jintlaqa'. Madankollu, anki jekk, skont dawn il-prinċipji, l-oneru tal-prova jaqa' jew fuq il-Kummissjoni jew fuq l-impriża kkonċernata, il-provi fattwali li parti tipproduċi jistgħu jobbligaw lill-parti l-oħra tagħti spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni u, fin-nuqqas ta' dan, ikun jista' jiġi konkluż li l-oneru tal-prova ġie ssodisfatt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata).

112 Issa, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 423 sa 450 tas-sentenza appellata, li l-provi prodotti minn Cathay Pacific ma kinux jikkontradixxu l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Fil-fatt, fil-punti 424 sa 425 ta' din is-sentenza, hija indikat li l-FSA kienu ċertament jawtorizzaw konsultazzjonijiet tariffarji, iżda li dawn ma kinux jimponu koordinazzjoni obbligatorja. Sussegwentement, fil-punti 426 sa 431 tal-imsemmija sentenza, hija osservat li l-prattika amministrattiva tad-DAĊ kienet turi li, għalkemm dan kien jiffavorixxi t-talbiet kollettivi, huwa seta' madankollu jaċċetta talbiet individwali, b'mod partikolari għal sovrataxxa tal-fjuwil ta' ammont fiss. Fl-aħħar nett, fil-punti 432 sa 450 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-dokumenti prodotti, inklużi l-pariri legali u l-ittri tad-DAĊ, ma kinux suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' obbligu legali jew ta' pressjoni irreżistibbli li jimponu l-koordinazzjoni tariffarja.

113 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali setgħet, mingħajr ma taqleb l-oneru tal-prova, tqis li, fin-nuqqas ta' provi prodotti minn Cathay Pacific, il-Kummissjoni mhux biss kienet stabbilixxiet il-parteċipazzjoni ta' din l-impriża fil-koordinazzjoni tariffarja, iżda, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punt 425 tas-sentenza appellata, ikkonstatat ukoll, fil-premessi 984, 985 u 991 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-FSA rilevanti ma kinux jimponu konsultazzjonijiet dwar il-prezzijiet bejn it-trasportaturi. Għaldaqstant, kienet Cathay Pacific li kellha tipproduċi provi li l-aġir tagħha f'Ħong Kong kien iġġustifikat abbażi ta' tali obbligu li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni lokali. Fin-nuqqas ta' tali provi, il-Qorti Ġenerali setgħet, ġustament, tiċħad l-argument ibbażat fuq l-allegata impossibbiltà li jiġu ppreżentati talbiet individwali lid-DAĊ u, sussegwentement, tikkonkludi, fil-punt 451 tas-sentenza appellata, li l-leġiżlazzjoni ta' Ħong Kong ma kinitx tipprekludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE.

114 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li Cathay Pacific tikkritika, essenzjalment, il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 458 sa 472 tas-sentenza appellata, u b'mod iktar partikolari l-fatt li, fil-fehma tagħha, il-Qorti Ġenerali adottat viżjoni inġustament stretta tal-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat, billi llimitat l-applikazzjoni tiegħu għas-sitwazzjonijiet li fihom jista' jiġi pprovat mill-impriża kkonċernata li kien impossibbli li tinstab possibbiltà oħra biex tikkonforma ruħha mad-dritt barrani inkwistjoni, mingħajr madankollu ma identifikat bi preċiżjoni żball ta' liġi.

115 Issa, għandu jiġi osservat li, fil-punti 461 sa 472 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali essenzjalment ċaħdet l-argumenti ta' Cathay Pacific abbażi ta' evalwazzjonijiet fattwali. Għalhekk, hija kkonstatat, fil-punt 462 ta' din is-sentenza, li l-premessa tal-argument ta' Cathay Pacific kienet żbaljata, peress li mill-ittra tad-DAĊ ma kienx jirriżulta li t-talbiet kollha dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil kellhom jiġu ppreżentati kollettivament u li, fi kwalunkwe każ, hija baqgħet ma stabbilixxietx li d-DAĊ kien jeżiġi koordinazzjoni tariffarja bejn it-trasportaturi. Hija enfasizzat ukoll, fil-punti 466 sa 471 tal-istess sentenza, li ebda element ma kien juri li l-Kummissjoni kienet irrikonoxxiet jew approvat l-eżistenza ta' obbligu regolamentari ta' koordinazzjoni tariffarja f'Ħong Kong. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kritika magħmula minn Cathay Pacific tammonta, fir-realtà, għal talba lill-Qorti tal-Ġustizzja għal evalwazzjoni ġdida tal-fatti, li hija inammissibbli skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 69 ta' din is-sentenza.

116 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punti 463 sa 466 tas-sentenza appellata, li Cathay Pacific ma spjegatx kif il-prinċipji tad-dritt internazzjonali li hija invokat setgħu jwasslu għall-annullament totali jew parzjali tad-Deċiżjoni kontenzjuża u li ebda prinċipju tad-dritt internazzjonali ma kien jobbliga lill-Kummissjoni tikkoordina mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz bħall-awtoritajiet ta' Ħong Kong. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali indikat li f'każ bħal dan kienet il-Kummissjoni li kellha tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha. Issa, skont il-Qorti Ġenerali,

il-Kummissjoni kienet irrikonoxxiet l-eżistenza tal-qafas regolamentari ta' Ħong Kong u kienet eżaminatu. Għandu jiġi kkonstatat li ebda wieħed mill-argumenti mressqa minn Cathay Pacific ma jista' jikkontesta dawn il-kunsiderazzjonijiet.

117 Minn dan jirriżulta li din it-tielet parti għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq sostituzzjoni illegali ta' motivi u fuq motivazzjoni insuffiċjenti

– *L-argumenti tal-partijiet*

118 Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali ssostitwixxiet il-motivazzjoni tagħha stess għal dik tal-Kummissjoni sabiex tiċħad l-argumenti tagħha dwar il-motiv ta' difiża tagħha bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat fil-Ġappun. Barra minn hekk, din il-motivazzjoni hija irrazzjonali u insuffiċjenti. Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punti 474 sa 487 tas-sentenza appellata hija vvizzjata b'diversi żbalji ta' liġi. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, fil-punt 482 tas-sentenza appellata, li l-FSA konklużi mill-Ġappun jeżiġu formalment koordinazzjoni tariffarja bejn it-trasportaturi. Madankollu, hija ppreċiżat li l-portata ta' dan l-obbligu hija limitata għat-trasportaturi indikati fuq rotot speċifiċi, u għalhekk is-saħħa ta' dan l-argument hija, fir-rigward ta' Cathay Pacific, totalment dubjuża. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 483 ta' din is-sentenza, li l-klawżola li tillimita strettament id-diskussjonijiet tariffarji għat-trasportaturi indikati fuq rotot speċifiċi fl-ebda każ ma tista' tiġġustifika diskussjonijiet ġenerali bejn trasportaturi multipli. Madankollu, Cathay Pacific tispjega li hija ma ssuġġerietx li r-rekwiżiti legali fil-Ġappun jipprovdu tip ta' "kopertura" għal diskussjonijiet ġenerali bejn it-trasportaturi dwar it-tarifikazzjoni fuq rotot oħra. L-argument tagħha kien pjuttost li l-Kummissjoni ma setgħetx, sabiex turi l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu, tibbaża ruħha fuq diskussjonijiet bejn it-trasportaturi li kienu meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni ta' dawn il-pajjiżi terzi. Issa, dan huwa dak li għamlet il-Kummissjoni, mingħajr ma ġiet ikkritikata għal dan mill-Qorti Ġenerali.

119 Il-Kummissjoni tqis li din ir-raba' parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

120 Preliminarjament għandu jiġi rrilevat li Cathay Pacific ma tindikax b'mod konkret il-parti tal-motivi tas-sentenza appellata li fiha l-Qorti Ġenerali wettqet sostituzzjoni tal-motivi tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

121 Għandu jiġi osservat ukoll, kif jirriżulta mill-punt 477 tas-sentenza appellata, li l-premessi 995 sa 1012 tad-Deċiżjoni kontenzjuża jirrigwardaw, minn naħa, il-FSA konklużi mill-Ġappun u, min-naħa l-oħra, is-sistema regolamentari Ġappuniża, u li, skont dawn il-premessi, il-Kummissjoni qieset li ebda obbligu li jiġu diskussi t-tariffi ma kien ġie impost fuq it-trasportaturi mis-sistema regolamentari tal-Ġappun. Huwa abbażi tal-imsemmija provi li l-Qorti Ġenerali setgħet tikkonkludi li Cathay Pacific ma kinitx uriet li l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni kienu vvizzjati b'illegalità.

122 Fil-fatt, minn naħa, fil-punti 482 u 483 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li mill-klawżola tariffarja invokata, riprodotta wkoll fir-rikors ta' Cathay Pacific quddiem il-Qorti Ġenerali, jirriżulta li l-portata ta' dan l-obbligu kienet limitata għat-trasportaturi indikati fuq rotot

speċifiċi, kif kienet qieset il-Kummissjoni fil-premessa 1007 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, u li din il-klawżola fl-ebda każ ma setgħet tiġġustifika d-diskussjonijiet ġenerali bejn diversi trasportaturi li jikkostitwixxu ksur uniku u kontinwu.

123 Min-naħa l-oħra, fil-punt 485 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ċ-ċirkustanza allegata minn Cathay Pacific, fis-sens li t-trasportaturi mhux Ġappuniżi kellhom jallinjaw it-talbiet tagħhom għal awtorizzazzjoni ma' dawk tat-trasportaturi Ġappuniżi, ma kinitx turi l-eżistenza ta' obbligu legali u lanqas ta' pressjoni mill-Istat irreżistibbli li timponi koordinazzjoni tariffarja ġenerali. Barra minn hekk, fil-punt 486 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li Cathay Pacific ma kienet ipproduċiet ebda prova insostenn tal-allegazzjonijiet tagħha dwar il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tariffi, ħaġa li din tal-aħħar ma tikkontestax quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

124 Barra minn hekk, sa fejn l-argumenti ta' Cathay Pacific għandhom jinftiehmu fis-sens li jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli applikat kriterju ġuridiku żbaljat fl-evalwazzjoni tagħha tal-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat, għandu jitfakkar li l-Artikoli 101 u 102 TFUE jirrigwardaw biss aġir antikompetittiv li ġie adottat mill-impriżi fuq inizjattiva tagħhom stess. Jekk aġir antikompetittiv ikun impost fuq l-impriżi permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali jew jekk din tal-aħħar toħloq qafas legali li, huwa stess, jelimina kull possibbiltà ta' aġir kompetittiv min-naħa tagħhom, dawn l-artikoli ma humiex applikabbli. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, ir-restrizzjoni ta' kompetizzjoni ma hijiex ikkawżata, kif jimplikaw dawn id-dispożizzjonijiet, b'aġir awtonomu tal-impriżi. Għall-kuntrarju, l-imsemmija artikoli jistgħu japplikaw jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tħalli lok għall-possibbiltà ta' kompetizzjoni li tista' tiġi prekluża, ristretta jew distorta minn aġir awtonomu tal-impriżi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1997, Il-Kummissjoni u Franza vs Ladbroke Racing, C-359/95 P u C-379/95 P, EU:C:1997:531, punti 33 u 34, kif ukoll tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punti 80 u 81).

125 Barra minn hekk, il-possibbiltà li jiġi eskluż aġir antikompetittiv partikolari mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, minħabba l-fatt li dan kien ġie impost fuq l-impriżi inkwistjoni mil-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti jew minħabba l-fatt li din tal-aħħar telimina kull possibbiltà ta' aġir kompetittiv min-naħa tagħhom, ġiet ammessa biss b'mod restrittiv mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

126 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, jekk liġi nazzjonali sempliċement tħeġġeġ jew tiffaċilita l-adozzjoni, mill-impriżi, ta' aġir antikompetittiv awtonomu, dawn tal-aħħar jibqgħu suġġetti għall-Artikoli 101 u 102 TFUE (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

127 Konsegwentement, ir-raba' parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq il-ħames parti, ibbażata fuq l-iżnaturament tal-argumenti ta' Cathay Pacific dwar il-pressjoni mill-Istat imposta fl-Indja u f'Singapor kif ukoll fuq l-interpretazzjoni żbaljata tal-provi

– *L-argumenti tal-partijiet*

128 Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 498 tas-sentenza appellata, ċaħdet l-argumenti tagħha dwar il-pressjoni mill-Istat fl-Indja u f'Singapor, għar-raġuni, essenzjalment, li hija ma kinitx issostanzjat l-allegazzjonijiet tagħha dwar Ħong Kong u l-Ġappun, li għalihom hija rreferiet f'dan l-argument. Hija tirreferi speċifikament għall-punt 494 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tagħha li jikkonsisti fl-estensjoni tar-raġunament dwar dawn il-pajjiżi tal-aħħar għal territorji oħra li huma s-suġġett ta' leġiżlazzjoni partikolari. Minn dan isegwi li, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-argument tagħha fir-rigward tas-sistemi regolamentari applikabbli f'Ħong Kong u fil-Ġappun, hija jkollha tikkonstata wkoll li l-Qorti Ġenerali wettqet żball fir-rigward tas-sistemi applikabbli fl-Indja u f'Singapor, peress li l-FSA rilevanti kienu jipprevedu espressament li t-tariffi kkonċernati kellhom jiġu miftiehma bejn it-trasportaturi, filwaqt li Cathay Pacific tirreferi għall-punt 490 tas-sentenza appellata.

129 Il-Kummissjoni ssostni li din il-ħames parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

130 Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, f'din il-parti, Cathay Pacific ma tinvoka ebda żball ta' liġi jew żnaturament tal-fatti li allegatament wettqet il-Qorti Ġenerali fil-punti 490 sa 498 tas-sentenza appellata. Fil-fatt, bl-argument tagħha, hija sempliċement jew tikkritika b'mod ġenerali l-fatt li l-Qorti Ġenerali vvalidat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fid-Deċiżjoni kontenzjuża, jew tirrepeti l-argument tagħha li d-diskussjonijiet dwar l-Indja u Singapor ma setgħux jikkostitwixxu ksur uniku u kontinwu. Għalhekk, hija ma tindika ebda żball ta' liġi speċifiku li twettaq mill-Qorti Ġenerali fl-eżami li hija wettqet fil-punti 494 sa 497 tas-sentenza appellata. Konsegwentement, l-imsemmija parti hija inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 69 ta' din is-sentenza.

131 Anki jekk jiġi kkunsidrat li, permezz tal-argumenti tagħha, Cathay Pacific tikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali, li, fil-punt 494 tas-sentenza appellata, ċaħdet l-ilmenti tagħha bbażati fuq is-sistemi regolamentari tal-Indja u ta' Singapor billi bbażat ruħha esklużivament fuq l-evalwazzjoni tagħha dwar is-sistema regolamentari tal-Ġappun u ta' Ħong Kong, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 495 u 496 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ilmenti li jirrigwardaw speċifikament is-sistemi regolamentari tal-Indja u ta' Singapor.

Fuq is-sitt parti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

– *L-argumenti tal-partijiet*

132 Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat, fil-punt 502 tas-sentenza appellata, li l-argument tagħha kien intiż li jistabbilixxi li t-trattament li kien jibbenefika minnu trasportatur ieħor, li jirriżulta mill-eżistenza ta' pressjoni mill-Istat f'Dubai (l-Emirati Għarab Magħquda), kien illegali u li hija kienet qiegħda tipprova tinvoka, favuriha, dan it-trattament illegali. Fil-fehma tagħha, dan ma kienx l-argument tagħha, li kien jikkonsisti

fl-affermazzjoni li, peress li l-Kummissjoni kienet ammettiet li l-motiv ta' difiża bbażat fuq il-pressjoni mill-Istat seta' jiġi invokat minn trasportatur ieħor minħabba, b'mod partikolari, ittra tal-awtorità kompetenti ta' Dubai, hija kellha, għal finijiet ta' koerenza, tirrikonoxxi li dan ir-raġunament kien japplika wkoll għal Cathay Pacific f'Ħong Kong, iktar u iktar peress li d-DAĊ kien ukoll indika b'mod ċar, fl-ittri tiegħu, li kien jimponi sistema ta' awtorizzazzjoni kollettiva.

133 Il-Kummissjoni ssostni li din is-sitt parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

134 Għandu jiġi osservat li, permezz ta' din il-parti, Cathay Pacific tallega, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-argumenti li hija kienet ressqet quddiemha u li hija tikkritika, f'dan il-kuntest, biss il-punt 502 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali rrilevat li, anki li kieku kellu jitqies li l-Kummissjoni wettqet illegalità meta ma żammitx responsabbli lil trasportaturi oħra, tali illegalità, li l-Qorti Ġenerali ma kinitx adita biha fil-kuntest tar-rikors quddiemha, fl-ebda każ ma tista' twassalha sabiex tikkonstata diskriminazzjoni u, għaldaqstant, illegalità fir-rigward tal-appellanti, peress li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandu jiġi kkonċiljat mar-rispett tal-legalità, li jipprovdi li ħadd ma jista' jinvoka, għall-benefiċċju tiegħu, illegalità mwettqa favur ħaddieħor.

135 Madankollu, fil-punt 505 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li l-argument ta' Cathay Pacific kien ibbażat fuq il-premessa żbaljata li "d-dikjarazzjonijiet u l-prattika" tal-awtorità amministrattiva kompetenti f'Dubai kienu simili għal dawk tad-DAĊ ta' Ħong Kong, b'tali mod li, fit-territorji kkonċernati, it-trasportaturi kienu jinsabu f'sitwazzjoni simili, jiġifieri li huma kienu obbligati jiddiskutu sovrataxxi qabel ma jitolbu l-approvazzjoni tagħhom. Għalhekk, minn din l-evalwazzjoni jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma interpretatx b'mod żbaljat l-argument li kien tressaq quddiemha.

136 Barra minn hekk, fil-punt 508 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret, billi rreferiet għall-punti 416 sa 451 ta' din is-sentenza, li Cathay Pacific ma kinitx uriet li t-trasportaturi kienu suġġetti għal rekwiżit ta' koordinazzjoni tariffarja f'Ħong Kong. Issa, mill-analiżi tal-ewwel tliet partijiet ta' dan l-aggravju jirriżulta li Cathay Pacific ma setgħetx tikkontesta dawn il-konklużjonijiet.

137 Minn dan jirriżulta li din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

138 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq it-tielet aggravju, dwar l-ommissjoni tal-Qorti Ġenerali, wara li annullat parzjalment id-Deċiżjoni kontenzjuża abbażi tal-preskrizzjoni, li tiddeċiedi fuq l-argumenti kollha li kienu tressqu quddiemha

L-argumenti tal-partijiet

139 Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, wara li laqgħet it-tieni motiv invokat quddiemha, li ma kienx għad hemm lok li jiġu eżaminati l-ewwel u r-raba' motivi tal-ewwel istanza.

140 Kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, l-annullament tal-Artikolu 1(1)(g) u (4)(g) tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jirriżulta mill-fatt li ntlaqa' t-tieni motiv, jikkostitwixxi biss annullament parzjali ta' din id-deċiżjoni, b'tali mod li dan l-annullament ma kienx ineħħi l-iskop tal-ewwel motiv imqajjem fl-ewwel istanza. Għall-kuntrarju, dan l-ewwel motiv kien determinanti għar-rikors ta' Cathay Pacific kollu kemm hu, peress li dan kien intiż għall-annullament sħiħ tad-Deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li Cathay Pacific kienet ipparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu. Bl-istess mod, ir-raba' motiv tal-ewwel istanza, li kien ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx immotivat suffiċjentement il-konklużjoni tagħha li Cathay Pacific kienet ipparteċipat f'dan il-ksur, kien jikkontesta l-legalità ta' din id-deċiżjoni kollha kemm hi, ħaġa li l-Qorti Ġenerali wkoll interpretat ħażin.

141 Il-Kummissjoni tqis li dan it-tielet aggravju ma huwiex fondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

142 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali laqgħet it-tieni motiv tal-ewwel istanza u, konsegwentement, annullat l-Artikolu 1(1)(g) u (4)(g) tad-Deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn qieset li Cathay Pacific kienet kisret, minn naħa, l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fir-rigward tar-rotot fiż-ŻEE kif ukoll l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera f'dak li jirrigwarda r-rotot Unjoni-Svizzera.

143 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 243 tas-sentenza appellata, li r-rikors ippreżentat minn Cathay Pacific kontra d-Deċiżjoni inizjali ma setax iwassal għas-sospensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 1/2003, fir-rigward tal-aġir li jikkostitwixxi ksur relatat mar-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, peress li din id-deċiżjoni ma kinitx tkopri, fil-fehma tagħha, dan l-aġir li jikkostitwixxi ksur. Fil-punt 245 tas-sentenza appellata, hija kkonkludiet li, billi ssanzjonat, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, lil Cathay Pacific għall-ksur uniku u kontinwu fir-rigward tar-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, il-Kummissjoni kienet kisret ir-regoli fil-qasam tal-preskrizzjoni stabbiliti fl-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament.

144 Wara li għalhekk laqgħet dan it-tieni motiv tal-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 249 u 254 tas-sentenza appellata, li l-eżami tal-ewwel u tar-raba' motivi invokati quddiemha "[kien] sar inutli".

145 Issa, mis-sentenza appellata kif ukoll mir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta li, permezz tal-ewwel u tar-raba' motivi tagħha quddiem din tal-aħħar, Cathay Pacific kienet sempliċement invokat żbalji ta' liġi u ta' fatt kif ukoll l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża f'dak li jirrigwarda biss ir-"rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera".

146 Fil-fatt, l-ewwel motiv tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali kien ibbażat "fuq l-allegazzjoni ta' żball ta' liġi u/jew ta' fatt min-naħa tal-Kummissjoni u/jew nuqqas tagħha li tipproduċi l-prova suffiċjenti skont il-liġi meta inkludiet lil [Cathay Pacific] fl-Artikolu 1(1) u (4) tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni [kontenzjuża] u kkonstatat li hija ppartecipat fl-allegat ksur uniku u kontinwu." F'dan ir-rigward mir-rikors fl-ewwel istanza jirriżulta li dan l-ewwel motiv kien jirrigwarda biss ir-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera. Għalhekk, Cathay Pacific semmiet b'mod ċar, mhux biss fit-titolu tal-ewwel aggravju tagħha, iżda wkoll fis-sustanza tiegħu, l-uniċi dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni kontenzjuża li ġew annullati mill-Qorti Ġenerali minħabba l-preskrizzjoni.

147 Barra minn hekk, ċertament, fil-punt 44 tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, Cathay Pacific kienet effettivament indikat li l-ewwel motiv invokat quddiemha kien "determinanti" wkoll għar-"rikors [tagħha] kollu kemm hu, fid-dawl b'mod partikolari tal-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li jkun artifiċjali li l-ksur uniku u kontinwu jinqasam f'konstatazzjonijiet ta' ksur distinti", u li "jekk [hija] tissemma b'mod żbaljat fi tnejn mill-aspetti tal-ksur, hija ma tistax titqies li pparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu u d-Deċiżjoni [kontenzjuża] għandha tiġi annullata sa fejn tikkonċernaha".

148 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li Cathay Pacific, barra minn hekk, ikkontestat speċifikament, fil-kuntest tat-tielet motiv invokat quddiem il-Qorti Ġenerali, il-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur uniku u kontinwu kif identifikat fid-Deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn din tikkonċerna t-tliet komponenti distinti tiegħu f'termini materjali, jiġifieri s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet. Dan it-tielet motiv ġie eżaminat fil-punti 255 sa 377 tas-sentenza appellata. Għaldaqstant, ma jistax jitqies li, billi kkonstatat li kien sar inutli li tingħata deċiżjoni dwar l-ewwel u r-raba' motivi invokati quddiemha, minħabba li t-tieni motiv kien fondat, il-Qorti Ġenerali naqset milli tiddeċiedi dwar l-argument ta' Cathay Pacific dwar il-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur uniku u kontinwu.

149 Fir-rigward tar-raba' motiv invokat quddiem il-Qorti Ġenerali, dan kien ibbażat "fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma mmotivatx suffiċjentement il-konstatazzjoni tagħha li [hija] pparteċipat fl-allegat ksur uniku u kontinwu." Huwa għalhekk minnu li t-titolu ta' dan il-motiv ma kienx jindika, fih innifsu, li l-imsemmi motiv kien jirrigwarda biss "ir-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera". Madankollu, mill-argumenti mressqa insostenn tiegħu, b'mod partikolari fil-punti 88 sa 90 tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, jirriżulta li Cathay Pacific kienet qegħda tirreferi wkoll, permezz tal-istess motiv, għal dawn ir-rotot biss. Bl-istess mod, mill-punt 91 ta' dan ir-rikors jirriżulta li Cathay Pacific ikkritikat l-inklużjoni tagħha fil-lista tal-parteċipanti li tinsab fl-Artikolu 1(1) u (4) tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

150 Issa, peress li, billi laqgħet it-tieni motiv tal-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali annullat l-Artikolu 1(1) u (4) tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet kienu jikkonċernaw lil Cathay Pacific, u peress li l-imsemmija dispożizzjonijiet kienu jikkonċernaw preċiżament ir-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonstatat li ma kienx għad hemm lok li jiġu analizzati dawn iż-żewġ motivi l-oħra.

151 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq il-ħames aggravju, ibbażat fuq żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-provi li ma humiex direttament marbuta mal-ksur imputat lil Cathay Pacific u fuq raġunament difettuż fir-rigward tal-provi tal-parteċipazzjoni ta' din tal-aħħar fil-ksur uniku u kontinwu

L-argumenti tal-partijiet

152 Cathay Pacific, filwaqt li rreferiet għall-punti 312 sa 345 tas-sentenza appellata, issostni li l-Qorti Ġenerali, wara li annullat l-Artikolu 1(1)(g) u (4)(g) tad-Deċiżjoni kontenzjuża u, konsegwentement, billi naqqset b'mod sinjifikattiv il-portata u l-perijodu ta' parteċipazzjoni ta' Cathay Pacific fil-ksur uniku u kontinwu, wettqet żball meta ma pprovdiet ebda spjegazzjoni

konvinċenti tal-approċċ tagħha għall-evalwazzjoni tal-provi li ma humiex inklużi fil-perijodu tal-ksur jew li ma jaqgħux fil-kompetenza ġeografika tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari għall-mod kif dawn il-provi jistgħu "jikkorroboraw l-interpretazzjoni" ta' ċerti provi oħra.

153 Għalhekk, fl-ewwel lok, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali ma huwiex ċar sa fejn għandu x'jaqsam l-approċċ tagħha fir-rigward tal-provi relatati mal-avvenimenti preċedenti għall-bidu tal-ksur attribwit lil Cathay Pacific jew fir-rigward tar-rilevanza tagħhom sabiex jiġi kkonstatat li din tal-aħħar kienet ipparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu. Peress li annullat l-Artikolu 1(1)(g) u (4)(g) tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali kienet obbligata teżamina mill-ġdid ir-rilevanza tal-provi relatati mal-perijodu preċedenti għall-perijodu tal-ksur imputat lil Cathay Pacific, kif kien jirriżulta minn dan l-annullament. Madankollu, ma huwiex ċar li l-Qorti Ġenerali wettqet tali eżami mill-ġdid. Fil-fatt, il-provi relatati mal-perijodu preċedenti għall-ksur, kif issa ġie kkonstatat, jidhru li huma ttrattati bħala provi diretti tal-ksur u, b'mod partikolari, bħala provi tal-parteċipazzjoni fil-ksur uniku u kontinwu.

154 Fit-tieni lok, Cathay Pacific tikkontesta l-elementi li huma intiżi sabiex jikkorroboraw il-konstatazzjonijiet ta' ksur fil-konfront tagħha f'dak li jirrigwarda perijodi u żoni ġeografiċi li għalihom il-Kummissjoni kienet kompetenti sabiex tikkonstata ksur.

155 L-ewwel nett, hija ssostni li huwa diffiċli li wieħed jifhem jekk, fil-punt 333 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tużax it-terminu "jikkorrobora" fis-sens li l-provi dwar il-kuntatti fl-Isvizzera jservu sabiex jikkorroboraw interpretazzjoni ta' ċerti provi oħra jew, pjuttost, fis-sens li dawn il-provi jikkonfermaw b'mod dirett li l-avvenimenti seħħew realment.

156 It-tieni nett, huwa impossibbli li jinftiehmu r-raġunijiet li għalihom il-provi li jinsabu fil-premessi dwar il-kuntatti li żvolġew fl-Isvizzera jikkorroboraw dawk li jinsabu fi premessi oħra.

157 It-tielet nett, b'mod ġenerali, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali hija difettuża fir-rigward tar-rwol tal-provi li ma jaqgħux fil-perijodu tal-ksur jew li ma jaqgħux fil-kompetenza ġeografika tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kienet obbligata tippreċiża l-provi li kienu jikkostitwixxu provi diretti tal-ksur, minn naħa, u l-provi li jikkorroboraw dawn il-provi, min-naħa l-oħra. Issa, hija ma għamlitx tali preċiżjoni u, barra minn hekk, ittrattat il-provi li kienu jservu biex jikkorroboraw bħala provi diretti tal-ksur.

158 Ir-raba' nett, Cathay Pacific tosserva li, fil-punt 333 tas-sentenza appellata, ir-riferiment magħmul mill-Qorti Ġenerali għal 90 kuntatt li l-Kummissjoni ġabret flimkien fil-premessi 757 sa 759 tad-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex tistabbilixxi l-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju dinji jinkludi tnax-il premessa dwar l-Isvizzera, li jissuġġerixxi li dawn il-premessi kollha jikkorroboraw lil xulxin. Issa, il-Qorti Ġenerali ma tipprovdi ebda raġunament insostenn ta' dan it-tip ta' korroborazzjoni, li jipprekludi li jinftiehmu l-motivi li għalihom aġir li seħħ f'dan il-kuntest lokali jikkorrobora l-eżistenza ta' aġir li ġie adottat f'kuntest ieħor.

159 Fit-tielet lok, Cathay Pacific tallega li l-provi relatati mal-aġir li jaqa' fil-kompetenza tal-Kummissjoni, li jinsabu fit-52 premessa tad-Deċiżjoni kontenzjuża, ma humiex suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li hija pparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu u lanqas li hija kellha jew kellha tkun taf bil-pjan globali li jikkaratterizza l-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu.

160 Il-Kummissjoni ssostni li l-ħames aggravju ma huwiex fondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

161 Għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' dan l-aggravju, li jirrigwarda l-punti 312 sa 345 tas-sentenza appellata, Cathay Pacific issostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ħadet inkunsiderazzjoni, sabiex tevalwa l-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur uniku u kontinwu, provi dwar jew aġir adottat preċedentement għall-perijodu tal-ksur, jew aġir li, minn perspettiva ġeografika, ma jaqax fil-kompetenza tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma ppreċiżatx jekk dawn il-provi kellhomx jitqiesu bħala elementi li "jikkorroboraw" l-involviment tagħha fil-ksur jew bħala provi diretti tiegħu.

162 Issa, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 68 u 69 ta' din is-sentenza jirriżulta li, sa fejn, permezz ta' dan l-aggravju, Cathay Pacific tikkritika l-punti tas-sentenza appellata li fihom il-Qorti Ġenerali evalwat il-fatti u l-provi, dan l-aggravju huwa inammissibbli, peress li Cathay Pacific ma tallegax li l-Qorti Ġenerali żnaturat dawn il-fatti jew dawn il-provi.

163 Barra minn hekk, sa fejn, permezz tal-imsemmi aggravju, Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, wara li annullat l-Artikolu 1(1)(g) u (4)(g) tad-Deċiżjoni kontenzjuża u, konsegwentement, wara li naqqset il-portata u t-tul tal-parteċipazzjoni ta' Cathay Pacific fil-ksur uniku u kontinwu, billi madankollu għamlet riferiment għall-premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża li jsostnu dawn id-dispożizzjonijiet, u għalhekk għal provi li kienu jikkonċernaw aġir adottat barra mill-perijodu tal-ksur jew li ma jaqgħux fil-portata ġeografika tal-parti tal-ksur li għaliha Cathay Pacific kienet issa miżmuma responsabbli, għandu jitfakkar li, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE, huwa neċessarju li l-Kummissjoni tipproduċi provi serji, preċiżi u konkordanti.

164 Madankollu, mhux kull prova prodotta minn din tal-aħħar għandha neċessarjament tissodisfa dawn il-kriterji fir-rigward ta' kull element tal-ksur. Huwa biżżejjed li l-ġabra ta' indizji invokati minn din l-istituzzjoni, evalwati globalment, tissodisfa dan ir-rekwiżit (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, EU:C:2010:389, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

165 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma hijiex obbligata tannulla deċiżjoni tal-Kummissjoni minħabba s-sempliċi fatt li hija semmiet, fid-deċiżjoni tagħha, elementi fattwali li ma jikkostitwixxux provi diretti tal-parteċipazzjoni tal-impriża kkonċernata fil-ksur ikkontestat. Fil-fatt, huwa biżżejjed li hija tivverifika, kif għamlet f'dan il-każ, li l-elementi kollha eżaminati kienu ta' natura li jsostnu l-konklużjoni li l-impriża inkwistjoni pparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu. F'dan ir-rigward, provi dwar kuntatti preċedenti għall-perijodu tal-ksur jew relatati ma' aġir li ma jaqax fil-kompetenza tal-Kummissjoni jistgħu jikkorroboraw l-interpretazzjoni ta' provi oħra marbuta ma' dan il-perijodu, sabiex jikkuntestwalizzaw lil dawn tal-aħħar jew sabiex juru r-rikorrenza ta' ċerti tipi ta' aġir jew ta' prattiki.

166 F'dan il-każ, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 138 u 139 tal-konklużjonijiet tiegħu, fir-rigward, minn naħa, tal-kuntatti preċedenti għall-perijodu tal-ksur, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 315 sa 322 tas-sentenza appellata, ikkonstatat li ħafna minnhom kienu jikkonċernaw rotot li jaqgħu fil-kompetenza tal-Kummissjoni. Fil-punti 323 sa 327 ta' din is-sentenza, hija ddeċidiet li, minkejja li l-kuntatti l-oħra kkontestati kienu kollha jikkonċernaw rotot li, fil-perijodi inkwistjoni, ma kinux jaqgħu fil-kompetenza tal-Kummissjoni, din tal-aħħar setgħet madankollu teħodhom inkunsiderazzjoni sabiex tibni stampa globali tas-sitwazzjoni u b'hekk tikkorrobora l-interpretazzjoni li kellha ssir tal-provi għad-dispożizzjoni tagħha.

167 Fil-fatt, fil-punti 325 sa 327 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, essenzjalment, li dawn il-kuntatti, għalkemm relatati ma' tali rotot, kienu jaqgħu fil-kuntest ta' akkordju ta' portata globali bbażat fuq network ta' kuntatti bilaterali u multilaterali, li huma jikkorroboraw l-eżistenza u l-modalitajiet ta' funzjonament tiegħu. Fil-punt 328 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li Cathay Pacific baqgħet "ma sostnietx li dawn il-kuntatti ma kinux jikkorroboraw l-interpretazzjoni ta' provi oħra" u li ma kienx allegat li "dawn ma kinux jaqgħu fil-kompetenza tal-Kummissjoni". Hija spjegat, f'dan il-punt 328, li l-madwar erbgħin kuntatt ikkontestati minn Cathay Pacific kienu fost il-kważi 90 kuntatt rilevanti li l-Kummissjoni eżaminat fid-Deċiżjoni kontenzjuża.

168 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kuntatti li ma jaqgħux fil-kompetenza ġeografika tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, qabelxejn, fil-punt 332 tas-sentenza appellata, li, peress li kienu jirrigwardaw mingħajr distinzjoni r-rotot li jitilqu mill-Isvizzera, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li qieset li dawn kienu jikkonċernaw ukoll ir-rotot Unjoni-Svizzera u, sussegwentement, fil-punti 333 u 334 ta' din is-sentenza, li dawn il-kuntatti kienu wkoll intiżi sabiex jikkorroboraw il-kważi 90 kuntatt ikkunsidrati mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-parteċipazzjoni ta' Cathay Pacific fil-ksur uniku u kontinwu.

169 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ħadet inkunsiderazzjoni, sabiex tevalwa l-parteċipazzjoni ta' Cathay Pacific fil-ksur, elementi relatati ma' aġir li ġie adottat barra mill-perijodu tal-ksur jew li ma jaqax fil-kompetenza ġeografika tal-Kummissjoni, peress li dawn setgħu validament jikkorroboraw provi oħra.

170 Konsegwentement, il-ħames aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq ir-raba' aggravju, relatat man-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' motivazzjoni xierqa sabiex tiġi ssostanzjata l-parteċipazzjoni ta' Cathay Pacific fil-ksur uniku u kontinwu

L-argumenti tal-partijiet

171 Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball billi aċċettat u, f'diversi aspetti, billi saħħet b'mod mhux xieraq, permezz tal-konstatazzjonijiet tagħha stess, il-motivazzjoni u l-provi kif prodotti mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex tissostanzja l-konklużjoni tagħha li Cathay Pacific kienet ipparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu identifikat f'din id-deċiżjoni.

172 F'dan ir-rigward, Cathay Pacific tilmenta, l-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali aċċettat li d-Deċiżjoni kontenzjuża tista' tkun ibbażata fuq l-istess elementi intiżi sabiex jikkostitwixxu l-prova tal-ksur uniku u kontinwu bħal dawk użati fil-motivi tad-Deċiżjoni inizjali, minkejja li, f'din l-aħħar deċiżjoni, il-Kummissjoni ma kinitx ikkonkludiet li Cathay Pacific kienet ipparteċipat fi ksur fir-rigward tar-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera. Peress li d-Deċiżjoni kontenzjuża ma kienet tinkludi ebda prova ġdida, kien għalhekk inammissibbli li d-Deċiżjoni kontenzjuża tiġi kkonfermata abbażi ta' "analiżi tal-provi" li ma kinux inklużi fiha.

173 It-tieni nett, Cathay Pacific tirreferi għall-punt 326 tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali ġabret fil-qosor wieħed mill-argumenti tagħha, iżda wettqet żball, peress li attribwixxiet lil Cathay Pacific affermazzjonijiet li, kif jirriżulta mill-kuntest tagħhom, saru mill-Kummissjoni. Dan l-iżball juri żball ta' komprensjoni fundamentali min-naħa tal-Qorti Ġenerali, li vvizzja l-analiżi kollha tagħha.

174 It-tielet nett, Cathay Pacific, filwaqt li tirreferi għall-punti 310 u 374 tas-sentenza appellata, issostni li l-Qorti Ġenerali ma wrietx li hija kienet taf jew li kellha tkun taf bil-portata ġenerali kif ukoll bil-karatteristiċi essenzjali tal-akkordju u li kienet meħtieġa analiżi bir-reqqa peress li l-Qorti Ġenerali kienet aċċettat li s-sede ta' Cathay Pacific ma kellhiex kuntatt dirett mas-sede ta' trasportaturi oħra. Issa, il-kuntatti fil-livell lokali ma jistgħux jindikaw l-għarfien tal-pjan globali. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali sempliċement naqset milli tevalwa l-provi u milli tipprovdi risposta adegwata għall-argumenti tagħha f'dan il-qasam.

175 Ir-raba' nett, Cathay Pacific tikkontesta l-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 306 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-Kummissjoni ma identifikatx "grupp fiss ta' trasportaturi", li hija kienet tifforma parti minnu, u li hija bl-ebda mod ma kienet obbligata tagħmel dan.

176 Il-ħames nett, Cathay Pacific tikkritika l-provi msemmija fil-punti 308 sa 310 tas-sentenza appellata, billi tilmenta li l-Qorti Ġenerali ma spjegatx ir-raġunijiet li għalihom il-kuntatti deskritti f'dawn il-punti jistgħu jikkostitwixxu l-prova tal-parteċipazzjoni tagħha fil-pjan globali jew fl-għan komuni, li jistgħu jistabbilixxu l-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur uniku u kontinwu. Il-Qorti Ġenerali ma tiċċita ebda informazzjoni li ġiet skambjata bejn is-sedi tal-impriżi kkonċernati wara wieħed mill-kuntatti msemmija. Il-fatt li komunikazzjonijiet interni mas-sede tal-kumpannija tal-ajru tagħha stess jinkludu riferimenti għal kuntatti lokali ma jistax jindika l-eżistenza ta' akkordju, u lanqas ta' komunikazzjonijiet bejn is-sedi prinċipali ta' trasportaturi differenti, sakemm ma jintweriex li dawn il-kuntatti lokali kienu intiżi preċiżament sabiex jintlaħaq dan ir-riżultat.

177 Is-sitt nett, filwaqt li tagħmel riferiment għall-punti 369, 372, 374 u 375 tas-sentenza appellata, Cathay Pacific issostni li l-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu f'dan il-punt 375, li jipprovdu, minn naħa, li hija kienet taf bil-prinċipji tal-akkordju u, min-naħa l-oħra, il-koordinazzjoni u s-sorveljanza inkwistjoni kienu intiżi li japplikaw għar-rotot kollha fuq livell dinji, ma huma kkorroborati minn ebda prova u ma humiex akkumpanjati minn motivazzjoni adegwata. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kellha teżiġi mill-Kummissjoni li din tal-aħħar turi li Cathay Pacific kienet taf jew kellha tkun taf b'mod suffiċjenti bil-kuntatti li kienu jistabbilixxu l-portata ġenerali u l-karatteristiċi tal-akkordju inkwistjoni, jew ir-riżultati ta' dawn il-kuntatti. Hija tilmenta wkoll li l-Qorti Ġenerali għamlet riferiment, fil-punt 369 tas-sentenza appellata, għal "għarfien preżunt", meta la l-Qorti Ġenerali u lanqas il-Kummissjoni ma pprovdew motivazzjoni konvinċenti li tiġġustifika tali preżunzjoni. Fl-assenza ta' tali prova, Cathay Pacific tqis li l-konklużjoni dwar il-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur uniku u kontinwu ma setgħetx tiġi kkonfermata.

178 Is-seba' nett, billi għamlet riferiment għall-punt 326 tas-sentenza appellata, Cathay Pacific tikkritika, essenzjalment, ir-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali, fis-sens li l-Kummissjoni setgħet, fid-dawl tal-għan tas-sovrataxxi, intiżi sabiex jiġu applikati għar-rotot kollha fil-livell dinji, tinkludi fil-ksur ir-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, billi ssostni li tali approċċ ma jistax juri l-għarfien effettiv jew preżunt tagħha stess tal-ksur uniku u kontinwu. Insostenn tal-pożizzjoni tagħha, Cathay Pacific tanalizza diversi premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża li fuqhom ibbażat ruħha l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punti 339, 314 sa 322 u 332 tas-sentenza appellata, u tikkritika kemm dawn il-premessi kif ukoll il-konstatazzjonijiet magħmula f'dawn il-punti tas-sentenza appellata.

179 Għalhekk, fir-rigward tal-punt 332 tas-sentenza appellata, Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet sostituzzjoni tal-motivi. Fil-fatt, f'dan il-punt 332, il-Qorti Ġenerali eżaminat provi li jirrigwardaw prinċipalment l-Air Cargo Council Switzerland (il-Kunsill tat-Trasport tal-Merkanzija bl-Ajru tal-Isvizzera, iktar 'il quddiem l-"ACCS"). Hija rrilevat li t-trasportaturi tal-Unjoni kienu fost il-membri tal-ACCS u kienu pparteċipaw b'mod attiv fil-kuntatti inkwistjoni, kemm fir-rigward tas-sovrataxxa tal-fjuwil kif ukoll fir-rigward tar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, "[s]a fejn dawn il-kuntatti kienu jirrigwardaw ir-rotot li jitilqu mill-Isvizzera mingħajr distinzjoni, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli kkunsidrat li dawn kienu jikkonċernaw ukoll ir-rotot Unjoni-Svizzera, anki jekk f'livell inqas". Issa, din hija affermazzjoni mhux motivata. Ma teżisti l-ebda prova fid-Deċiżjoni kontenzjuża dwar dawn ir-rotot u l-Qorti Ġenerali ma hijiex awtorizzata tikkompleta l-motivazzjoni difettuża ta' deċiżjoni permezz tal-evalwazzjoni tagħha stess. Fi kwalunkwe każ, l-argument tal-Qorti Ġenerali huwa wieħed ċirkolari, fis-sens li kieku t-trasportaturi tal-Unjoni xtaqu jiftiehmu dwar sovrataxxa tal-fjuwil għar-rotot bejn l-Unjoni u l-Isvizzera, huma ma kien ikollhom ebda raġuni sabiex "jinvolvu lit-trasportaturi l-oħra".

180 Il-Kummissjoni ssostni li dan ir-raba' aggravju ma huwiex fondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

181 Fir-rigward tal-ewwel ilment, li permezz tiegħu Cathay Pacific tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli wettqet żball ta' liġi meta aċċettat li l-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha fuq l-istess provi bħal dawk ikkunsidrati fid-Deċiżjoni inizjali sabiex tasal għall-konklużjoni li hija kienet ipparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu fir-rigward tar-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, filwaqt li, fid-dispożittiv tal-imsemmija Deċiżjoni inizjali, kien ġie kkunsidrat li hija ma kinitx ipparteċipat fi ksur uniku fuq dawn ir-rotot, huwa biżżejjed li jitfakkar li d-Deċiżjoni inizjali ġiet annullata għar-raġuni, b'mod partikolari, li din id-deċiżjoni kienet ivvizzjata b'kontradizzjonijiet bejn il-motivi tagħha u d-dispożittiv tagħha. B'mod partikolari, filwaqt li l-motivi tal-imsemmija deċiżjoni kienu jiddeskrivu ksur uniku u kontinwu, li jirrigwarda r-rotot kollha koperti mill-akkordju, id-dispożittiv tal-istess deċiżjoni kien jidentifika jew erba' istanzi ta' ksur uniku u kontinwu distinti, jew inkella ksur wieħed uniku u kontinwu imputabbli biss lit-trasportaturi li, fir-rigward tar-rotot imsemmija fl-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni inizjali, ipparteċipaw direttament fl-aġir li jikkostitwixxu ksur imsemmi f'kull wieħed mill-imsemmija artikoli jew kienu jafu b'kollużjoni fuq dawn ir-rotot u aċċettaw ir-riskju.

182 F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li l-Kummissjoni kellha, b'eżekuzzjoni tas-sentenza li annullat id-Deċiżjoni inizjali, tirrimedja din il-kontradizzjoni, l-appellanti ma tistax tislet argument mid-dispożittiv tad-Deċiżjoni inizjali sabiex tikkritika lill-Kummissjoni talli eżaminat mill-ġdid u, sussegwentement, iddeduċiet mill-istess provi bħal dawk ikkunsidrati fid-Deċiżjoni inizjali konklużjoni kuntrarja għal dik li tinsab fid-dispożittiv tad-Deċiżjoni inizjali.

183 Barra minn hekk, li kieku kellu jitqies li, permezz tal-ilment tagħha, l-appellanti għandha wkoll l-intenzjoni tikkontesta l-assenza ta' kwalunkwe prova fid-Deċiżjoni kontenzjuża dwar l-għarfien tagħha ta' aġir li jikkostitwixxi ksur fuq ir-rotot fiż-ŻEE u Unjoni-Svizzera, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, permezz tiegħu, Cathay Pacific ma tirrileva ebda żball ta' liġi li twettaq mill-Qorti Ġenerali, iżda sempliċement tikkritika, b'mod ġenerali, id-Deċiżjoni kontenzjuża. Huwa suffiċjenti f'dan ir-rigward li jitfakkar li l-argumenti ta' appell li ma jikkritikawx is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali wara talba għal annullament ta' deċiżjoni, iżda d-deċiżjoni li ntalab

l-annullament tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali ma humiex ammissibbli (ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, TUIfly vs Il-Kummissjoni, C-763/21 P, EU:C:2023:528, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

184 Fir-rigward tal-ilment dirett kontra l-punt 326 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li l-verżjoni ta' din is-sentenza fil-lingwa tal-kawża effettivament fiha żball evidenti, sa fejn issemmi "ir-rikorrenti", filwaqt li, fid-dawl tal-kuntest li fih jaqa' dan il-punt, hija effettivament "il-Kummissjoni" li kienet imsemmija mill-Qorti Ġenerali f'dan il-punt.

185 Madankollu, ma jistax jitqies li dan l-iżball ivvizzja b'illegalità l-analiżi kollha tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, mill-kuntest li fih jinsab dan il-punt 326 jirriżulta b'mod ċar li dan huwa sempliċi żball tal-pinna, u li, fl-imsemmi punt 326, il-Qorti Ġenerali ma interpretatx b'mod żbaljat l-argument ta' Cathay Pacific. Fil-fatt, fil-punti 325 u 326 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ppreżentat il-pożizzjoni tal-Kummissjoni kif tirriżulta mid-Deċiżjoni kontenzjuża, u huwa fil-punt 327 ta' din is-sentenza li hija għamlet riferiment għall-pożizzjoni ta' Cathay Pacific u li rrispondiet għall-argumenti ta' din tal-aħħar. Barra minn hekk, mill-punt 291 tas-sentenza appellata, li ma huwiex ikkontestat minn Cathay Pacific, li jiġbor fil-qosor l-argumenti ta' din tal-aħħar, jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma interpretatx ħażin dan l-argument. Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

186 Fir-rigward tal-ilment dwar il-punti 310 u 374 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 310 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, indikat li, minkejja li ċerti skambji bejn Cathay Pacific u trasportaturi oħra kienu seħħew permezz ta' impjegati lokali, kienet ġiet skambjata informazzjoni bejn is-sedi tal-impriżi kkonċernati, b'tali mod li, għalkemm indiretti, dawn il-kuntatti kellhom jitqiesu li jaqgħu fl-ambitu tal-organizzazzjoni f'diversi livelli tal-akkordju kontenzjuż.

187 Sa fejn Cathay Pacific tissuġġerixxi li għarfien tal-pjan globali ma jistax jintwera permezz ta' kuntatti fuq livell lokali, għandu jiġi rrilevat li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 164 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li s-sensiela ta' indizji invokati mill-Kummissjoni, evalwati globalment, jissodisfaw ir-rekwiżit probatorju li jippermetti li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu kif ukoll il-parteċipazzjoni ta' impriża f'dan il-ksur, irrispettivament mil-livell ta' tali kuntatti li l-eżistenza tagħhom intweriet permezz ta' provi. Għalhekk, dan l-argument ta' Cathay Pacific għandu jiġi miċħud bħala infondat.

188 Fir-rigward tal-punt 374 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet iddeskriviet il-portata ġenerali u l-karatteristiċi essenzjali tal-akkordju kif ukoll il-prattiki miftiehma dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil, filwaqt li ppreċiżat li l-istess prinċipji kienu japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-komponenti l-oħra tal-ksur uniku u kontinwu, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali ma llimitatx ruħha għal din il-konstatazzjoni ta' natura ġenerali.

189 Fil-fatt, fil-punt 375 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet riferiment għal diversi kuntatti deskritti fid-Deċiżjoni kontenzjuża, u qieset li dawn kienu juru li Cathay Pacific ma setgħetx ma tkunx taf bl-eżistenza ta' network ta' kuntatti li jagħtu lok għal skambji ta' informazzjoni u għal koordinazzjoni dwar kemm is-sovrataxxa tal-fjuwil u s-sovrataxxa tas-sigurtà kif ukoll dwar ir-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet. Il-Qorti Ġenerali rrilevat ukoll f'dan il-punt li, fid-dawl ta' dawn il-kuntatti, Cathay Pacific ma setgħetx ma tkunx taf bl-aspettattiva kondiviża ta' dixxiplina fis-suq fil-qasam tas-sovrataxxi u bl-eżistenza ta' sistema f'diversi livelli. Barra minn hekk, filwaqt li għamlet riferiment għall-punti 354 sa 356 ta' din is-sentenza, u

fid-dawl tal-portata ġeografika tal-avviżi u tad-diskussjonijiet dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil, tan-numru kbir ta' pajjiżi li fihom Cathay Pacific kienet ipparteċipat f'kuntatti kollużivi kif ukoll f'diversi inizjattivi meħuda minn din tal-aħħar intiżi sabiex jinkoraġġixxu, b'mod parallel, lill-persunal tas-sussidjarji tagħha jikkoordinaw mal-kompetituri tagħhom fil-livell lokali, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 375 tas-sentenza appellata, li Cathay Pacific setgħet ukoll raġonevolment tkun taf u tassumi r-riskju li l-koordinazzjoni u s-sorveljanza inkwistjoni kienu intiżi li jinkludu r-rotot kollha fuq livell dinji.

190 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li, peress li dawn il-punti tas-sentenza appellata jinkludu biss evalwazzjonijiet tal-fatti u tal-provi, l-ilment intiż sabiex jikkontestahom huwa inammissibbli, peress li Cathay Pacific ma tinvoka ebda żnaturament tagħhom.

191 Fir-rigward tal-ilment dirett kontra l-punt 306 tas-sentenza appellata, Cathay Pacific issostni li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab f'dan il-punt hija fattwalment u ġuridikament inkorretta sa fejn il-Kummissjoni identifikat grupp fiss tat-trasportaturi inkriminati fis-Sottotaqsima 4.3.3 tad-Deċiżjoni kontenzjuża u sa fejn l-identifikazzjoni ta' tali grupp fiss għandha importanza partikolari għall-finijiet tal-għarfien tal-għan komuni mfittex mill-akkordju, li jikkostitwixxi kundizzjoni sabiex impriża tkun tista' titqies li pparteċipat fih.

192 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li f'dan il-punt 306 tas-sentenza appellata, kif ukoll fil-punt 280 ta' din is-sentenza, li għalih jirreferi l-imsemmi punt 306, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-fatt li l-intensità tal-parteċipazzjoni f'dan il-ksur setgħet tvarja bejn it-trasportaturi inkriminati għandu jittieħed inkunsiderazzjoni biss waqt l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur u tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa.

193 Fl-istess punt 306, il-Qorti Ġenerali indikat li l-allegazzjoni ta' Cathay Pacific kienet ibbażata fuq premessa żbaljata, peress li l-Kummissjoni ma identifikatx tali "grupp fiss" fid-Deċiżjoni kontenzjuża u bl-ebda mod ma kienet obbligata li tagħmel dan.

194 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta waslet għal din il-konklużjoni.

195 Sussegwentement, l-argument li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li l-Kummissjoni ma kinitx identifikat grupp fiss ta' trasportaturi għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv, peress li huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata li l-Kummissjoni kellha tidentifika tali grupp fiss.

196 Għalhekk, f'dan il-punt 281, il-Qorti Ġenerali rrilevat, essenzjalment, li, l-iktar l-iktar, il-Kummissjoni kienet semmiet, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, id-dikjarazzjonijiet ta' Lufthansa, li jgħidu li l-parti l-kbira tal-kuntatti ("*core group of contacts*") kienet tinvolvi prinċipalment komunikazzjonijiet bilaterali permezz tat-telefon ċellulari bejn id-diretturi tal-politika tal-ipprezzar tad-diversi trasportaturi, iżda li hija bl-ebda mod ma kienet la adottat dawn id-dikjarazzjonijiet u lanqas ma kienet qieset l-eżistenza jew il-portata ta' tali grupp, distint mill-kuntatti kontenzjużi l-oħra. Cathay Pacific lanqas ma tikkontesta din il-konklużjoni.

197 Barra minn hekk, sa fejn Cathay Pacific għandha l-intenzjoni li tikkontesta din l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-fatti u tal-provi, l-argument tagħha għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 69 ta' din is-sentenza.

198 Fir-rigward tal-ilment dirett kontra l-punti 308 sa 310 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, sa fejn permezz ta' dan l-ilment Cathay Pacific tikkritika l-provi msemmija f'dawn il-punti tas-sentenza appellata, tali lment huwa wkoll inammissibbli skont il-ġurisprudenza

mfakkra fil-punt 69 ta' din is-sentenza sa fejn, permezz tiegħu, Cathay Pacific ma tallegax li, f'dawn il-punti 308 sa 310, il-Qorti Ġenerali żnaturat id-Deċiżjoni kontenzjuża, iżda sempliċement tikkontesta l-evalwazzjonijiet fattwali li jinsabu fiha u tipprova għalhekk li tikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

199 Min-naħa l-oħra, sa fejn, permezz ta' dan l-ilment, Cathay Pacific issostni li l-Qorti Ġenerali ma mmotivatx suffiċjentement is-sentenza appellata, billi ma spjegatx b'mod xieraq ir-rilevanza tal-kuntatti msemmija fil-punti 308 sa 310 tagħha sabiex turi l-parteċipazzjoni ta' Cathay Pacific sabiex jintlaħaq għan komuni jew pjan globali, għandu jitfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni, impost fuq il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tagħha, jimponilha li tgħarraf b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament li hija segwiet, b'mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (sentenzi tal-11 ta' April 2013, Mindo vs Il-Kummissjoni, C-652/11 P, EU:C:2013:229, punt 29, kif ukoll tas-26 ta' Settembru 2024, Covestro Deutschland u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-790/21 P u C-791/21 P, EU:C:2024:792, punt 113 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

200 Madankollu, dan l-obbligu ma jeżiġix li l-Qorti Ġenerali tipprovdi espożizzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed ir-raġunamenti kollha esposti mill-partijiet fit-tilwima. Il-motivazzjoni tista' għalhekk tkun impliċita, bil-kundizzjoni li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu r-raġunijiet li fuqhom tibbaża ruħha l-Qorti Ġenerali u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha fil-kuntest ta' appell (sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 372, kif ukoll tas-26 ta' Settembru 2024, Covestro Deutschland u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-790/21 P u C-791/21 P, EU:C:2024:792, punt 114 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

201 Issa, mill-punti 308 sa 310 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali effettivament wieġbet għall-allegazzjoni ta' Cathay Pacific, esposta fil-punt 307 ta' din is-sentenza, fis-sens li s-sede tagħha ma kinitx f'kuntatt ma' dik tat-trasportaturi l-oħra. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali rrilevat, f'dan il-punt 308, li, fir-rigward tas-sovrataxxa tas-sigurtà, Lufthansa kienet bagħtet f'Ottubru 2001 ittra standard li tiġġustifika l-użu ta' din is-sovrataxxa direttament lid-diretturi ġenerali tad-diviżjonijiet tal-merkanzija ta' diversi trasportaturi, fosthom Cathay Pacific, u li, minkejja li l-kunsinna ta' din l-ittra ma kinitx mitluba u li ma ntbagħtitx tweġiba għaliha, hija madankollu wriet komunikazzjoni minn sede għal sede, filwaqt li rrilevat li parteċipazzjoni passiva fil-ksur hija suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-impriża. Fil-punt 309 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali, barra minn hekk, ikkonstatat li Cathay Pacific ma kkontestatx li rċeviet, permezz ta' messaġġi elettroniċi mingħand Lufthansa, diversi avviżi ta' żieda fis-sovrataxxa tal-fjuwil indirizzati lil diversi trasportaturi, li kienu jikkostitwixxu wkoll komunikazzjonijiet minn sede għal sede u li ma setgħux jitwarrbu minħabba li dawn kienu sempliċi dikjarazzjonijiet pubbliċi. Fl-aħħar nett, fil-punt 310 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, skont diversi premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-persunal lokali ta' Cathay Pacific, inkoraġġut f'dan is-sens mis-sede tagħha, kellu skambji mas-sedi ta' trasportaturi oħra jew kien ipprova, permezz tal-kollegi lokali tiegħu, jikseb informazzjoni dwar il-pożizzjoni ta' dawn is-sedi u li, b'mod reċiproku, is-sede ta' Cathay Pacific kienet ġiet ikkuntattjata minn rappreżentanti lokali ta' trasportaturi oħra, fejn dawn tal-aħħar sussegwentement irrapportaw

il-pożizzjoni ta' Cathay Pacific lis-sede tagħhom stess. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, għalkemm indiretti, dawn l-iskambji fl-aħħar mill-aħħar kienu jikkostitwixxu komunikazzjonijiet minn sede għal sede u kienu jagħmlu parti mill-organizzazzjoni f'diversi livelli tal-akkordju.

202 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali mmotivat suffiċjentement ir-rilevanza tal-kuntatti msemmija fil-punti 308 sa 310 tas-sentenza appellata sabiex turi l-parteċipazzjoni ta' Cathay Pacific f'għan komuni jew fi pjan globali.

203 Fir-rigward tal-ilment dwar il-punti 369, 372, 374 u 375 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali ċertament użat, fil-punt 369 ta' din is-sentenza, il-kelma "preżunt", billi rreferiet għat-tifsira tagħha għall-punt 350 tal-imsemmija sentenza. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 370 u 371 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali fakkret korrettament li kienet il-Kummissjoni li kellha tipproduċi l-prova li l-impriża kkonċernata kellha tali għarfien.

204 Issa, minkejja li Cathay Pacific issostni, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tal-appell tagħha, li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tippreżupponi l-għarfien tagħha tan-natura illegali tal-aġir tal-parteċipanti l-oħra, hija madankollu tafferma li l-Kummissjoni kellha raġun sempliċement turi li hija "kellha" jkollha għarfien suffiċjenti, jew tal-kuntatti li jiżvelaw il-portata ġenerali u l-karatteristiċi tal-akkordju inkwistjoni, jew tar-riżultati ta' dawn il-kuntatti. Peress li, fil-punt 375 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet preċiżament mill-eżami tad-diversi kuntatti bilaterali u multilaterali li fihom ipparteċipat Cathay Pacific f'diversi Stati Membri u pajjiżi terzi li hija "ma setgħetx ma tkunx taf" bl-eżistenza ta' network ta' kuntatti li fil-kuntest tiegħu kien hemm skambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni, li jammonta għal affermazzjoni li hija kellha tkun taf b'mod suffiċjenti bir-riżultati ta' dawn il-kuntatti, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma hijiex f'pożizzjoni li tifhem il-portata eżatta tal-kritika li Cathay Pacific tipprova tifformula fir-rigward tal-punt 369 ta' din is-sentenza. Skont il-ġurisprudenza, ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 256 TFUE, tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikolu 168(1)(d) u tal-Artikolu 169 tar-Regoli tal-Proċedura, argument li ma huwiex suffiċjentement ċar u preċiż sabiex jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tal-legalità tagħha, b'mod partikolari meta l-elementi essenzjali tiegħu ma jirriżultawx b'mod suffiċjentement koerenti u komprensibbli mit-test tal-appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2025, AFG vs Il-Kummissjoni, C-13/24 P, mhux ippubblikata, EU:C:2025:884, punti 51 u 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Konsegwentement, tali kritika għandha titqies bħala inammissibbli.

205 Ċertament, Cathay Pacific tikkontesta wkoll il-punt 375 tas-sentenza appellata b'mod iktar espliċitu għar-raġuni li l-affermazzjoni li tinsab fl-ewwel sentenza ta' dan il-punt, li tipprovdi li hija kienet taf bil-prinċipji tal-akkordju, ma hija kkorroborata minn ebda prova u ma hijiex ssostanzjata minn motivazzjoni adegwata. Madankollu, fis-sentenzi segwenti tal-imsemmi punt, il-Qorti Ġenerali mmotivat b'mod suffiċjenti fid-dritt tali affermazzjoni billi rreferiet għall-kuntatti msemmija f'ċertu numru ta' premessi. Issa, kif tfakkar fil-punt 69 ta' din is-sentenza, hija biss il-Qorti Ġenerali li hija kompetenti sabiex tevalwa l-provi.

206 Barra minn hekk, f'dan il-kuntest, minbarra l-kritika msemmija fil-punt 203 ta' din is-sentenza, Cathay Pacific issostni li l-Kummissjoni kellha tipproduċi l-prova li hija kienet taf jew kellha għarfien suffiċjenti, jew tal-kuntatti msemmija fid-Deċiżjoni kontenzjuża u msemmija fil-punt 374 tas-sentenza appellata, li jiddeskrivu l-portata ġenerali u l-karatteristiċi essenzjali tal-akkordju, jew tar-riżultati ta' dawn il-kuntatti, li l-Qorti Ġenerali ppreżentat fil-punt 375 tas-sentenza appellata.

207 Madankollu, Cathay Pacific ma tagħmel ebda kritika konkreta dwar żball imwettaq mill-Qorti Ġenerali fil-punti 374 u 375 tas-sentenza appellata, li ġew miġbura fil-qosor fil-punti 188 u 189 ta' din is-sentenza. Dan l-ilment huwa għalhekk inammissibbli, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 71 ta' din is-sentenza.

208 Fir-rigward tal-ilmenti diretti kontra l-punti 314 sa 322, 326, 332 u 339 tas-sentenza appellata, għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' dawn l-ilmenti, Cathay Pacific, essenzjalment, issostni biss li l-Qorti Ġenerali ma evalwatx b'mod korrett l-elementi fattwali li rreferiet għalihom f'dawn il-punti jew li hija adottat b'mod żbaljat il-pożizzjoni tal-Kummissjoni kif esposta fil-premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li ma humiex konklużivi biżżejjed. Hija tikkontesta għalhekk, fir-realtà, l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi li l-Qorti Ġenerali wettqet fl-imsemmija punti tas-sentenza appellata. Konsegwentement, dawn l-ilmenti huma, għalhekk, inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 69 ta' din is-sentenza.

209 Għall-bqija, jiġifieri l-argument ta' Cathay Pacific dwar il-punt 332 tas-sentenza appellata u l-allegata sostituzzjoni tal-motivi li allegatament saret f'dan il-punt mill-Qorti Ġenerali, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din ma hijiex stabbilita fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 85 ta' din is-sentenza, peress li l-Qorti Ġenerali, fl-imsemmi punt 332, sempliċement irrispondiet għall-argumenti mressqa minn Cathay Pacific, billi bbażat ruħha fuq elementi li jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali, fl-istess punt, irrilevat li kien paċifiku bejn il-partijiet li diversi trasportaturi tal-Unjoni, fosthom Société Air France, Koninklijke Luchtvaart Maatschappij NV, British Airways plc, Deutsche Lufthansa AG, Swiss International Air Lines AG u Martinair Holland NV, li għandhom drittijiet ta' traffiku fuq ir-rotot Unjoni-Svizzera, kienu fost il-membri tal-ACCS. Hija ppreċiżat fih ukoll li minn diversi premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta li dawn it-trasportaturi kienu pparteċipaw b'mod attiv f'diversi mill-kuntatti inkwistjoni, relatati kemm mas-sovrataxxa tal-fjuwil kif ukoll mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli qieset li, sa fejn dawn il-kuntatti kienu jirrigwardaw ir-rotot li jitilqu mill-Isvizzera mingħajr distinzjoni, dawn kienu jikkonċernaw ukoll ir-rotot Unjoni-Svizzera, anki jekk f'livell inqas. Għalhekk, l-argument ta' Cathay Pacific għandu jiġi miċħud, peress li din l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija bbażata fuq l-elementi tal-atti proċess li hija kellha u li hija setgħet validament tuża sabiex tirrispondi għall-argumenti li kienu tressqu quddiemha.

210 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq is-sitt aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali qieset li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet kien jikser l-Artikolu 101 TFUE u/jew kien jagħmel parti mill-ksur uniku u kontinwu

L-argumenti tal-partijiet

211 Cathay Pacific, filwaqt li tirreferi għall-punti 276 sa 278 tas-sentenza appellata, tikkontesta l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet ma kellux għan leġittimu, iżda kien jagħmel parti minn pjan antikompetittiv globali.

212 F'dan ir-rigward, hija ssostni li l-argumenti esposti fil-punti 277 u 278 tas-sentenza appellata ma kinux jippermettu li jiġi kkontestat il-fatt li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet fuq is-sovrataxxi tal-ispedizjoniera kellu għan leġittimu. Fid-dawl tal-għan leġittimu, il-Qorti Ġenerali naqset milli

turi li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet kien jikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fil-kuntest tal-Artikolu 101 TFUE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma wrietx jekk dan ir-rifjut kellux effett antikompetittiv fis-sens ta' dan l-artikolu. Konsegwentement, ebda ksur tal-imsemmi artikolu minħabba dan l-aġir ma ġie stabbilit mill-Kummissjoni u l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet l-argument ta' Cathay Pacific f'dan ir-rigward.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

213 Fil-punti 276 sa 278 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li, fir-rigward tal-allegat għan leġittimu segwit mir-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, l-argument ta' Cathay Pacific kien ibbażat fuq premessa żbaljata fil-fatti. F'dan ir-rigward, hija rrilevat, fil-punt 277 ta' din is-sentenza, li huwa minnu li mid-Deċiżjoni kontenzjuża kien jirriżulta li l-kwistjoni tal-ħlas ta' kummissjonijiet kienet is-suġġett ta' interpretazzjonijiet legali diverġenti bejn it-trasportaturi u l-ispedizjoniera, iżda li t-trasportaturi inkriminati ma kinux sempliċement iddefinixxew pożizzjoni komuni li għandha tiġi difiża quddiem qorti jew quddiem l-awtoritajiet. Għall-kuntrarju, skont il-Qorti Ġenerali, huma kienu qablu bejniethom, fuq livell multilaterali, sabiex jiftiehmu li jirrifjutaw kollettivament li jinnegozjaw il-ħlas ta' kummissjonijiet mal-ispedizjoniera u li jagħtuhom biss skontijiet fuq is-sovrataxxi, peress li l-Kummissjoni pproduċiet diversi messaġġi elettroniċi interni li jikkostitwixxu l-prova ta' dawn il-ftehimiet. Fil-punt 278 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali żiedet li mid-Deċiżjoni kontenzjuża kien jirriżulta wkoll li diversi trasportaturi kienu skambjaw, fuq livell bilaterali, informazzjoni sabiex jiżguraw ruħhom reċiprokament bil-qbil kontinwu tagħhom fir-rigward ta' dan ir-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, kif turi b'mod partikolari konverżazzjoni telefonika bejn Deutsche Lufthansa u Société Air France.

214 Peress li Cathay Pacific tifformula dan l-argument billi titlaq mill-premessa li dawn il-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali ma kinux jippermettu li jiġi kkontestat il-fatt li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet fuq is-sovrataxxi tal-ispedizjoniera kellu għan leġittimu u li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tevalwa r-rilevanza tal-provi kkunsidrati mill-Qorti Ġenerali, dan għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 69 ta' din is-sentenza, u dan mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk, minħabba tali għan leġittimu, il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, naqsitx milli turi li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet fuq is-sovrataxxi kienx jikkostitwixxi restrizzjoni minħabba l-għan fil-kuntest tal-Artikolu 101 TFUE.

215 Fir-rigward tal-argument li l-Kummissjoni ma wrietx jekk dan ir-rifjut kellux effett antikompetittiv fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE, dan għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punt 178 ta' din is-sentenza.

216 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li s-sitt aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

217 Peress li ebda wieħed mill-aggravji mqajma minn Cathay Pacific insostenn tal-appell tagħha ma ntlaqa', dan tal-aħħar għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

218 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell jiġi miċħud, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

219 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, li, bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura, japplika għall-proċedura ta' appell, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, sakemm dawn ikunu ntalbu.

220 Billi l-Kummissjoni talbet li Cathay Pacific tiġi kkundannata għall-ispejjeż u billi l-aggravji tagħha ma ntlaqgħux, hija għandha tiġi kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Cathay Pacific Airways Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem